**ĠESÙ, ID-DIXXIPLI TA' GĦEMMAWS U L-ISKRITTURA (LQ 24:13-21)**

**Studju ta' Rev. Dr Martin Micallef**

Bħall-kumplament tal-evanġelji kanoniċi, San Luqa ma jirrakkuntax il-ġrajja ta' Kristu mill-imwiet. Minflok dan l-evanġelista jaqbad triq għal rasu b'rakkonti oħra marbutin mas-sejba tal-qabar vojt[1] u b'numru ta' dehriet ta' Kristu Rxoxt.[2] Dan kollu nsibuh rakkuntat fil-Kapitlu 24 ta' San Luqa magħmul minn erba' xeni ewlenin: (i) in-nisa u Pietru ħdejn il-qabar vojt;[3] (ii) il-laqgħa ta' Ġesù mad-dixxipli ta' Għemmaws;[4] (iii) id-dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli f'Ġerusalemm;[5] (iv) it-tlugħ fis-sema ta' Ġesù.[6] Il-qabar vojt u l-messaġġ tal-anġli jipprovdu biss stagħġib u nuqqas ta' fidi. Permezz tar-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws jidher ċar li għal San Luqa, id-dehra ta' Kristu Rxoxt weħidha

---

[1] L-erba' evanġelji kanoniċi jirrappurtaw is-sejba tal-qabar vojt minn xi nisa, b'varjazzjonijiet bejniethom, filwaqt li l-Evanġelju skont San Ġwann jagħtina wkoll żjara lejn il-qabar minn Pietru u d-Dixxiplu l-maħbub. Jekk imbagħad Lq 24:12 hi oriġinali, allura San Luqa wkoll jagħtina ż-żjara ta' Pietru lejn il-qabar vojt. Kull wieħed mill-evanġelji li jinkludi d-dehriet ta' Kristu Rxoxt jagħtina laqgħat 'informali' ma' Kristu Rxoxt qabel ma' dan jiltaqa' mal-Ħdax. Id-differenzi bejn il-ġrajjiet rispettivi tal-evanġelji f'dan ir-rigward jirriflettu tradizzjonijiet differenti u xi drabi strateġiji redazzjonali addottati minn kull evanġelista. Fuq dan il-punt ara John Nolland, *Luke 18:35-24:53*. Word Biblical Commentary, 35c (Dallas, TX: Word Books, 1993), 1180.

[2] Kull evanġista wriena li l-aħbar it-tajba li Ġesù qam mill-mewt hi mogħtija fl-evanġelju permezz ta' żewġ tradizzjonijiet differenti ta' oriġini indipendenti minn xulxin: il-qabar vojt u d-dehriet ta' Kristu Rxoxt. San Mark iżda ma jagħtinix ix-xeni tad-dehriet ta' Kristu Rxoxt, anke jekk kien jaf bihom (ara Mk 16:7). Hawnhekk ma nistgħux ninkludu Mk 9:16, 9-20 li ħafna mill-istudjużi jżommu li nkiteb wara. Ara pereżempju, William R. Farmer, *The Last Twelve Verses of Mark* (Society of New Testament Studies Monograph Series 25; Cambridge: Cambridge University Press, 1974).

[3] Ara Lq 24:1-12. Fost l-erba' evanġelji kanoniċi hu San Luqa biss li jagħmel referenza għad-dehra ta' Kristu Rxoxt lil Pietru. Dan ma jagħmlux f'forma ta' rakkont imma pjuttost bħala parti mir-rappurtaġġ f'Lq 24:34, nota li allura tikkonferma t-tradizzjoni antika li nsibu f'1 Kor 15:5.

[4] Ara Lq 24:13-35.

[5] Ara Lq 24: 36-49.

[6] Ara Lq 24: 50-53.

ma kinitx biżżejjed għall-problema tad-dixxipli biex jifhmu li l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù kienu jiffurmaw parti mill-pjan ta' Alla.[7]

F'dan l-istudju se nkunu nistgħu nanalizzaw u nimmeditaw fuq il-versi 13 sa 21 tal-Kapiltu 24 ta' San Luqa, jiġifieri fuq l-ewwel versi tal-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws. Se naqsmu dan l-istudju f'żewġ partijiet ewlenin. Fl-ewwel parti se nippreżentaw notamenti ta' introduzzjoni għal dan ir-rakkont magħmul minn 22 vers. Hawnhekk se naraw il-kwistjonijiet li jqajmu dawk li jistudjaw dan ir-rakkont fir-rigward tal-għejjun u l-istoriċità ta' dan ir-rakkont filwaqt li nissuġġerixxu struttura ta' kif nistgħu naqsmu dan ir-rakkont li nsibuh biss fl-evanġelju skont San Luqa. Fit-tieni parti mbagħad se nagħmlu eseġeżi tal-versi 13 sa 21 tal-Kapitlu 24 ta' San Luqa. Dan se nagħmluh permezz tal-għajnuna ta' numru ta' kummentarji u studji fuq Luqa-Atti mingħajr ma nippretendu li nkunu qegħdin neżawrixxu l-interpretazzjoni ta' dan it-test. Filwaqt li se nagħmlu dan, inkunu nistgħu nħallu t-test jissorprendina billi nibqgħu miftuħin għal nozzjonijiet ġodda li joħorġu mill-istudju ta' dan ir-rakkont straordinarju. L-għan ta' dan l-istudju għalhekk hu biex bħala Knisja nkomplu bil-mixja tagħna ma' Kristu Ġesù "li hu ħaj."[8]

### Ġabra fil-qosor tal-Evanġelju

Il-ġrajja taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws tiġbor fil-qosor u b'mod retrospettiv[9] l-istorja kollha tal-ministeru ta' Ġesù permezz ta' żewġ karattri – "tnejn minnhom";[10] b'referenzi ġeografiċi – b'Ġerusalemm bħala referenza ewlenija;[11] b'kontinwità temporali – "dak l-istess jum";[12] b'enfasi fuq it-tielet jum;[13] u bit-twettiq tal-profeziji.[14] L-evanġelista San Luqa rnexxielu hawnhekk jittrasmetti xi wħud mill-aqwa temi teoloġiċi tiegħu f'forma

---

[7] Fuq dan il-punt ara Robert C. Tannehill, *The Narrative Unity of Luke-Acts: A Literary Interpretation. Volume One, the Gospel according to Luke* (Philadelphia: Fortress, 1986), 279.

[8] Lq 24:23. Matul dan l-istudju se nkunu qed nużaw it-test tar-Raba' Edizzjoni (2011) tal-Bibbja bil-Malti tal-*Għaqda Biblika Maltija,* sakemm mhux muri mod ieħor.

[9] Ara Lq 24:19-24.

[10] Lq 24:13.

[11] Lq 24: 13, 33.

[12] Lq 24:13.

[13] Lq 24:13, 21.

[14] Lq 24: 6-7, 25-26, 44-46.

narrattiva sal-punt fejn id-dettalji kollha li jissemmew jiksbu valur sinifikattiv. B'dan il-mod, San Luqa ttraduċa t-twemmin ekklezjali tal-qawmien ta' Kristu Ġesù: il-preżenza inviżibbli ta' Kristu Rxoxt nistgħu issa naslu għaliha permezz tal-Iskrittura u l-Ewkaristija. B'hekk il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws saret "ġabra fil-qosor tal-evanġelju,"[15] konklużjoni li tixbah dak li jgħid Jean Guitton meta jikkonkludi li kieku kellna nneħħu l-evaneġlju kollu biex inżommu xena waħda biss minnu, konna nindikaw dik tad-dixxipli ta' Għemmaws.[16]

Ir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws, meqjus bħala kapulavur teoloġiku u letterarju,[17] jikxef il-ħila tal-awtur fl-istil tal-kitba, fil-mod kif jibni l-episodju kemm mill-aspett narrattiv kif ukoll teoloġiku, l-attenzjoni li jagħti għar-reazzjoni u l-istat psikoloġiku tal-personaġġi li jissemmew. San Luqa jirnexxilu tassew hawnhekk jgħaqqad flimkien dawn l-elementi kollha għas-servizz ta' riflessjoni ta' fidi awtentika b'mod li din il-ġrajja tipprovdi lill-qarrejja l-fundament tal-fidi tagħhom. Dan pereżempju nkomplu narawh fil-mod kif dan l-evanġelista jżid fil-gradazzjoni kwalitattiva tax-xhieda tal-qawmien billi jibda bin-nisa[18] u ta' Pietru;[19] imbagħad b'żewġ dixxipli,[20] wara bil-Ħdax-il dixxiplu[21] li huma x-xhieda uffiċjali tal-predikazzjoni appostolika.[22] Minbarra din il-manifestazzjoni ta' Kristu Rxoxt issir aktar "tanġibbli": din l-ewwel hi ppreżentata permezz ta' sinjali, jiġifieri permezz tal-ġebla mgerbba u tal-faxex;[23] imbagħad tiġi mħabbra minn żewġ persuni bi lbies jiddi;[24] wara Kristu Rxoxt stess jimxi pass pass ma' tnejn mid-dixxipli għalkemm jaslu biex jagħrfuh meta jisparixxi minn quddiemhom;[25] u fl-aħħar Kristu Rxoxt jidher lill-Ħdax u jiekol magħhom.[26]

---

15 Denis McBride, *Emmaus: The Gracious Visit of God according to Luke* (Dublin: Dominican Publications, 1997), ix.

16 Ara Jean Guitton, *Jésus* (Paris: Grasset, 1956), 433.

17 Hekk isejjaħ dan ir-rakkont Bruno Chenu, *I discepoli di Emmaus,* trans. Fausto Savoldi (Brescia: Queriniana, 2005), 36.

18 Ara Lq 24:1-11.

19 Ara Lq 24:12.

20 Ara Lq 24:13-35.

21 Ara Lq 24:36-49.

22 Ara Gérard Rossé, *Il Vangelo di Luca: Commento esegetico e teologico* (Roma: Città Nuova,[4] 2006), 1000.

23 Ara Lq 24:2.12.

24 Ara Lq 24:4.

25 Ara Lq 24:31.

26 Ara Lq 24:41-43.

B'dan il-mod straordinarju "San Luqa jiżviluppa katekeżi tal-Għid vera u proprja għall-qarrej."[27] L-ilħna tal-vjaġġaturi ta' Għemmaws jingħaqdu ma' dawk tan-nisa, u jżidu max-xhieda ta' Pietru: "Il-Mulej qam tassew!"[28] Id-dehriet ta' Kristu Rxoxt kif insibuhom rakkuntati f'San Luqa għalhekk mhumiex biss il-konklużjoni għal dan l-evanġelju, imma wkoll il-punt tat-tluq tat-tħabbira tas-salvazzjoni.[29]

**L-għejjun tal-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws**

Numru ta' biblisti għamlu attentati differenti sabiex jikklassifikaw b'mod formali id-dehriet ta' Kristu Rxoxt. Charles H. Dodd,[30] pereżempju jiddistingwi żewġ tipi ta' dehriet: dawk li huma jsejħilhom *narrattivi qosra* mibnija skont skema fissa u li jwasslu għal xi kliem ta' Ġesù, u dawk li jsejħilhom *narrattivi ta' ċirkustanzi* li ma jsegwu l-ebda skema u li għandhom x'jaqsmu ma' dettalji u ċirkustanzi. Studjużi oħra mbagħad jiddistingwu bejn dehriet li saru f'*Ġerusalemm*[31] minn dawk li seħħew fil-*Galilija*.[32] Nistgħu nqisu l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws bħala parti minn dawk id-dehriet ta' Kristu Rxoxt li jseħħu f'Ġerusalemm jew f'rabta ma' din il-belt. Il-fatt li San Luqa biss jagħtina din il-ġrajja jġagħalna nistaqsu x'kienu l-għejjun li minnhom dan l-evanġelista

[27] Ara Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 1001.

[28] Goel B. Green, *The Gospel of Luke*. The New International Commentary on the New Testament (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1997), 841.

[29] Fl-istruzzjoni kerigmatika ta' Ġesù lid-dixxipli f'Lq 24:44-49 hemm formulat in-nukleu tat-temi li nsibu fid-diskorsi tal-Atti. Ara Atti 2:22-36; 3:13-26; 4:8-12; 5:29-32; 10:36-43; 13:17-41.

[30] Charles H. Dodd, "The Appearances of the Risen Christ: An Essay in Form-Criticism of the Gospels," fi *Studies in the Gospels: Essays in Memory of R.H. Lightfoot,* ed. Dennis E. Nineham (Oxford: Blackwell, 1957), 9-25.

[31] Nolland, *Luke 18:35-24:53,* 1180-1181 jirrimarka li d-dehriet ta' Kristu Rxoxt f'Ġerusalemm huma mibnija fuq struttura mmarkata minn "preżenza għal għarrieda" ta' Ġesù, minn motif ta' għarfien (*recognition*) u b'missjoni fdata lill-persuna/i. Din l-istruttura nsibuha mhux biss f'Lq 24:34-53 u Ġw 20:19-20 imma wkoll f'Mt 28:9-10 par. Ġw 20:16-17; 21:1-19. F'din l-istruttura ħafna drabi tiġi inkluża wkoll xi ikla, xi ħaġa li faċilment tissuġġerixxi li l-oriġini tal-ġrajja tkun marbuta ma' kuntest Ewkaristiku.

[32] Xi studjużi bħal Charles F.D. Moule, "The Post-Resurrection Appearances in the Light of Festival Pilgrimages," *New Testament Studies* 4 (1957-58): 58-61, jipprova jarmonizza d-dehriet ta' Kristu Rxoxt fil-Galilija ma' dawk li jseħħu f'Ġerusalemm. Hu jagħmel dan billi jissuġġerixxi li l-ewwel dehriet seħħew fil-Galilija b'oħrajn li seħħew wara f'Ġerusalemm. Imma m'għandna l-ebda prova għal dan. Forsi l-aħjar hu li nikkonsidraw dawn iż-żewġ tipi ta' dehriet mal-aspett simboliku/teoloġiku li takkwista l-Galilija u Ġerusalemm fl-evanġelju skont San Mattew u ta' San Luqa rispettivament.

kiseb dan ir-rakkont pjuttost twil? Fl-istudji tal-Evanġelji Sinottiċi, il-materjal li jissemma biss f'San Luqa, allura inkluż din il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws, jissejjaħ materjal ta' "L."[33] Teżisti diskussjoni twila fost l-istudjużi tal-Iskrittura dwar il-kwistjoni tal-għejjun għal din il-ġrajja li nsibu f'San Luqa.

Għalkemm ma jidhirx li hemm qbil dwar dan, nistgħu niġbru l-argumenti li jiġu ppreżentati f'erbgħa: (i) San Luqa rriproduċa mill-ġdid l-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws kif irċeviha b'tibdil żgħir fis-sustanza, imma b'tibdil sinifikanti fil-kliem; (ii) San Luqa rċieva mit-tradizzjoni verżjoni li tiffoka fuq l-interpretazzjoni tat-Testment il-Qadim minn Kristu Rxoxt, li magħha l-evanġelista żied il-motif ta' Ġesù li jintagħraf fil-qsim tal-ħobż; (iii) l-interpretazzjoni tal-Iskrittura hi żieda ta' San Luqa fuq l-istorja, u allura din il-pożizzjoni hi bil-maqlub ta' dik ta' qabilha; (iv) San Luqa ħa biss xi dettalji mit-tradizzjoni u allura din l-istorja hi prattikament ħolqien tiegħu.[34]

Joseph Fitzmyer jippreżenta sitt argumenti biex jipprova juri li wara l-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws hemm xi għejjun li minnhom kien qed jieħu San Luqa. Fitzmyer iqis dawn l-elementi fl-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws bħala indikazzjoni ta' kif San Luqa kien irnexxielu jagħġen sewwa din il-ġrajja li hu kien kiseb mit-tradizzjoni (L), b'mod li saħansitra seta' kkompona partijiet sħaħ minnha.[35] Minħabba li din il-ġrajja m'għandhiex paralleli fl-evanġelji l-oħra, allura ssir diffiċli biex tifred minn xulxin it-tradizzjoni u l-kontribut partikulari ta' San Luqa f'din il-ġrajja.

Hu minnu li San Luqa hu l-uniku evanġelista li jirrakkonta l-ġrajja taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws. Minkejja dan irridu nżidu li f'dak li baqa' magħruf fl-istudji bibliċi bħala "t-tmiem twil" tal-Evanġelju skont San Mark, jinkludi referenza qasira għal dehra ta' Kristu Rxoxt lil żewġ dixxipli fit-triq fil-kampanja u kif dawn irritornaw biex jinfurmaw lil sħabhom, imma dawn ma emmnuhomx.[36] L-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws f'San

---

[33] Għall-problema Sinottika u l-għejjun "L" għal San Luqa ara Robert H. Stein, *The Synoptic Problem: An Introduction* (Grand Rapids, MI: Baker Book House, 1987).

[34] Fuq dawn l-erba' pożizzjonijiet ara Nolland, *Luke 18:35-24:53,* 1198.

[35] Ara Joseph A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XXIV*. The Anchor Bible, 28A (New York-London: Doubleday, 1985), 1555. Studjużi oħra li jikkonkludu li San Luqa żied u żejjen it-tradizzjoni ta' din il-ġrajja jinkludu Richard J. Dillon, *From Eye-Witnesses to Ministers of the Word: Tradition and Composition in Luke 24*. Analecta Biblica, 82 (Rome: Biblical Institute, 1978), 69-155; I. Howard Marshall, "The Resurrection of Jesus in Luke," *Tyndale Bulletin* 24 (1973): 55-98.

[36] Ara Mk 16:12-13.

Luqa bla dubju ta' xejn tixbah lil din il-ġrajja frammentarja li nsibu fi tmiem tal-evanġelju skont San Mark, minkejja li f'San Luqa ż-żewġ dixxipli involuti f'din il-ġrajja ġew milqugħin mid-dixxipli l-oħra, kuntrarju għal dak li naqraw f'San Mark. Diffiċli ngħidu jekk San Luqa kienx qed jespandi fuq din il-ġrajja ta' San Mark. Numru ta' kummentarji iżda jżommu li min żied it-tmiem twil f'San Mark aktarx li ġabar fil-qosor l-istorja taż-żewġ dixxipli li nsibu f'San Luqa.[37] Dak li hu aktar ovvju hu li l-mod kif San Luqa jirrakkonta l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws jirrifletti l-ħila letterarja tiegħu kif juru episodji oħra fiż-żewġ volumi miktuba minn dan l-evanġelista.

Numru ta' studjużi tal-evanġelju imbagħad jinnutaw il-kuntatt li hemm f'dan l-aħħar kapitlu ta' San Luqa mat-tradizzjoni tal-evanġelju skont San Ġwann.[38] San Ġwann jaf, anke jekk f'forma mqassra, l-aħbar tal-qawmien bħala fatt imħabbar mill-Iskrittura[39] li San Luqa mbagħad jiżviluppa f'dak li xi wħud sejħu bħala "kerigmi bijografiċi."[40]

### L-istoriċità tal-ġrajja ta' Għemmaws

Numru ta' studjużi oħra jieqfu fuq il-mistoqsija ta' kemm verament nistgħu nqisu il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws bħala waħda storika. Hu diffiċli nwieġbu għal din il-mistoqsija għalkemm nistgħu ngħidu li l-oġġezzjonijiet imqajma għall-istoriċità ta' dan ir-rakkont huma dgħajfa. L-opinjonijiet hawn ivarjaw minn dawk li jqisu dan l-episodju bħala "leġġenda" għal oħrajn li jżommu li dan l-episodju hu frott ix-xhieda storika ta' Kleofa, wieħed miż-żewġ vjaġġaturi li jissemma fl-episodju.

---

[37] Fuq dan il-punt ara Michael Mullins, *The Gospel of Luke: A Commentary* (Dublin, The Columbia Press, 2010), 511.

[38] Ara l-argumenti li jġib Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 999-1000. Ara wkoll John E. Alsup, *The Post-Resurrection Appearance: Stories of the Gospel Tradition* (Stuttgart: Calver-Verlag, 1975), 190f. Hekk pereżempju l-fatt li Kristu Rxoxt idum biex jingħaraf minn dawk li jkun qed jidhrilhom (ara Ġw 21:7-12); it-tema tal-ikel (ara Ġw 21:12-13; ara wkoll Lq 24:41-43; Atti 10:41); l-idea li Ġesù jisparixxi ma nsibuha mkien aktar; l-interpretazzjoni tal-Iskrittura f'Lq 24:44-48 irridu nqabbluha wkoll mal-motif tad-dehriet ta' Kristu Rxoxt fl-evaneġelju skont San Ġwann ta' kif id-dixxipli kellhom jifhmu u jinterpretaw l-Iskrittura (ara Ġw 2:17-22; 12:14-16; 20:9 ara wkoll 14:26).

[39] Ara Ġw 20:9.

[40] Ara Jean-Marie Guillaume, *Luc interprète des anciennes traditions sur la Résurrection de Jésus* (Paris: Gabalda, 1979), 26-30. Ara Lq 24:25-27, 44-47.

Rudolf Bultmann, pereżempju, iqis dan l-episodju bħala wieħed ta’ karattru tipiku leġġendarju[41] fejn Kristu Rxoxt jew aħjar il-vjaġġatur li ma jintagħrafx hu motif meħud mill-letteratura Griega. Il-ħajja ta’ Apollinius pereżempju tagħmel użu minn motif tad-dehra mhux mistennija ta’ dan il-personaġġ lil ħbiebu wara li dawn kienu qisuh mejjet meta l-imperatur kien qatagħhielu għall-mewt.[42] Hemm ukoll it-tradizzjonijiet ta’ *apotheosis* li juru kif xi ħadd jisparixxi minn quddiem dawk li jkun fil-preżenza ta’ din il-persuna, bħal fil-każ ta’ Romulus, Aristeas minn Proconnesus, Cleomedes minn Astpaleia, Alcmene, Peregrinus Proteus.[43]

Diffiċli biex tiċħad ix-xebh li hemm bejn dawn it-tradizzjonijiet u l-istorja ta’ Għemmaws. Dan iżda ma jfissirx li għandna nitfgħu f’dubju t-tradizzjoni tal-Evanġelju u nqisu l-ġrajja ta’ Għemmaws bħala “leġġenda.” Arnold Ehrhardt jargumenta li meta nqisu d-dettalji ta’ dawn l-istejjer naslu biex nikkonkludu li dawn huma biss stejjer li huma dipendenti fuq l-evanġelju u mhux bil-maqlub.[44] McBride jżid li minkejja l-paralleliżmu ma’ dawn l-istejjer leġġendarji hu wieħed mill-aktar interessanti, dak li l-aktar jinteressana hu li nippruvaw nifhmu l-ġrajja ta’ Għemmaws fil-qafas teoloġiku tal-evanġelju ta’ San Luqa u kif dan l-evanġelista jiżviluppa d-dehriet ta’ Kristu Rxoxt.[45]

Xi studjużi oħra jinnutaw ukoll li l-format tal-istorja ta’ Għemmaws għandu parallel ma’ letteratura antika identifikata ma’ ġrajjiet rakkuntati fit-Testment il-Qadim. Hekk, pereżempju numru ta’ studjużi jiddentifikaw paralleliżmu bejn id-dehra tal-anġlu lil Ħagar f’Ġenesi 16:7f u f’Luqa 24;[46] il-wasla tat-tliet messaġġiera għand Abraham.[47] Fost l-elementi paralleli pereżempju bejn l-episodju ta’ Għemmaws u l-wasla tal-messaġġiera għand Abraham hemm: il-wasla għal għarrieda tal-personaġġi,[48] l-ospitalità offruta

[41] Ara Rudolf Bultmann, *History of the Synoptic Tradition* (Oxford: Blackwell, 1968), 286.

[42] Ara *Life of Apollinius* 7.41-8.13.

[43] Ara Daniel A. Smith, *Revisiting the Empty Tomb: The Early History of Easter* (Minneapolis: Fortress, 2010), speċjalment 47-61.

[44] Arnold Ehrhardt, “The disciples of Emmaus,” *New Testament Studies* 19 (1964): 195-201. Ara wkoll l-argumenti ta’ Fitzmyer, *The Gospel according to Luke X-XXIV*, 1556.

[45] Ara McBride, *Emmaus,* 121.

[46] Ara Chenu, *I discepoli di Emmaus*, 41.

[47] Ara Ġen 18:1-25.

[48] Ara Lq 24:15a; Ġen 18:1-2a.

lilhom,[49] il-qsim ta' opinjoni,[50] il-kuntest tal-ikla,[51] il-konoxxenza superjuri tal-ospiti li jġibu messaġġ pożittiv,[52] u l-fatt li l-personaġġi jisparixxu għal għarrieda.[53] Paralleliżmu ieħor bejn il-ġrajja ta' Għemmaws u dak li naqraw fit-Testment il-Qadim, hi l-ġrajja tad-dehra tal-anġlu tal-Mulej lill-ġenituri ta' Sansun.[54]

Hu minnu li l-ġrajja ta' San Luqa taqsam diversi punti ta' kuntatt ma' episodji fit-Testment il-Qadim li fihom naqraw dwar laqgħat divini, madanakollu l-ġrajja ta' Għemmaws titbiegħed minnhom fl-interess li turi dwar it-tifsira tal-passjoni ta' Ġesù.[55] L-għan ewlieni ta' din l-istorja hu li jiggarantixxi l-fatt tal-qawmien ta' Kristu,[56] b'enfasi fuq dan f'referenza għal dak li naqraw fit-Testment il-Qadim. Il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws tirrifletti l-konvinzjoni Nisranija bikrija li kien biss permezz ta' laqgħa ma' Kristu Rxoxt li xi ħadd seta' jasal biex jifhem it-tifsira tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù li kienu diġà mħabbrin fl-Iskrittura.[57]

Numru kbir ta' biblisti li studjaw il-ġrajja ta' Għemmaws jinnutaw ukoll li l-ġrajja tal-laqgħa ta' Filippu mal-ewnuku Etijopiku f'Atti 8 hi ffurmata b'mod deliberattiv fuq il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws.[58] Filwaqt li ma nistgħux niċħdu dan, nistqarru wkoll li hemm differenzi bejn dawn iż-żewġ episodji, pereżempju fir-rwol tal-Iskrittura li

---

[49] Ara Lq 24:15, 29; Ġen 18:2b-5.

[50] Ara Lq 24:17-27; Ġen 18:9-14.

[51] Ara Lq 24:30; Ġen 18:7.

[52] Lq 24:27; Ġen 18:10.14.

[53] Lq 24:31; Ġen 18:33.

[54] Ara Imħ 13:1-22. Ara Guillaume, *Luc interprète des anciennes traditions sur la résurrection de Jésus,* 84. Ara wkoll Alsup, *The Post-Resurrection Appearance Stories of the Gospel Tradition*.

[55] Fuq dan il-punt ara Lucien Legrand, "Christ in the Fellow Traveller: The Emmaus Story in Lk 24:13-35, *Indian Theological Studies* 19 (1982): 33-34.

[56] Ara Atti 1:3.

[57] Ara Nolland, *Luke 18:35-24:53*, 1200.

[58] Ara pereżempju, James M. Gibbs, "Luke 24:13-33 and Acts 8:26-39: The Emmaus Incident and the Eunuch's Baptism as Parallel Stories," *Bangalore Theological Forum* 7 (1975): 17-30; Cord H. Lindijer, "Two Creative Encounters in the Work of Luke: Luke xxiv 13-35 and Acts viii 26-40," in *Miscellanea Neotestamentica: Studia ad NT praesertim pertinentia a sociis sodalicii Batavi, cuius nomen Studiosorum Nti Conventus, anno 1976 quintum lustrum complentis suscepta,* ed. T. Baarda et al. Novum Testamentum Supplements 48 (Leiden: Brill, 1978), 2:77-85. Ara wkoll Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 38-39 fejn b'mod mill-aktar metikoluż jagħti l-paralleliżmu bejn dawn iż-żewġ episodji.

tikkostitwixxi *tweġiba* f'Luqa 24 filwaqt li tifforma *mistoqsija* f'Atti 8. Minbarra hekk, f'Luqa 24 insibu enfasi missjunarja f'kuntrast mal-ewnuku li ma jirritornax Ġerusalemm. Studjużi oħrajn, imbagħad, jinnutaw paralleliżmu inqas evidenti bejn is-sejba tat-tfajjel Ġesù fit-Tempju[59] ma' dak li naqraw f'Luqa 24. Fiż-żewġ każi għandna vjaġġ: l-ewwel vjaġġ hu rrakkuntat fit-tmiem tal-Evanġelju tal-infanzja, filwaqt li t-tieni vjaġġ jikkonkludi n-narrattiva tal-Evanġelju kollu. It-tnejn għandhom bħala eżitu l-missjoni: fl-ewwel każ, il-missjoni ta' Ġesù, fit-tieni wieħed, il-missjoni tal-appostli. In-niket tal-ġenituri nistgħu nxebbhuh ukoll man-niket tad-dixxipli ta' Għemmaws, filwaqt li fiż-żewġ każi għandna t-telfa ta' Ġesù, u l-evokazzjoni għat-tielet jum flimkien mal-użu tal-espressjoni "kien meħtieġ" sabiex titfisser ir-rieda ta' Alla.[60] Nolland jikkumenta fuq dan il-paralleliżmu bejn Lq 24 u Lq 1-2, u jżid li forsi jkun aħjar jekk sempliċiment ninnutaw kif bosta fatturi użati f'Lq 24 jiżguraw li l-qarrej iħares lura lejn l-ewwel parti tal-evanġelju, hekk kif ikun qed jaqra l-aħħar parti. F'dawn iż-żewġ sezzjonijiet tal-evanġelju skont San Luqa nsibu attenzjoni komuni fuq il-belt ta' Ġerusalemm, ir-rwol tal-anġli, ir-reazzjonijiet umani, u t-tfittxija għal xejn għal Ġesù.[61]

Studjużi oħrajn bħal Jeanne d'Arc[62] imbagħad jistabbilixxu saħansitra paralleliżmu bejn il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb u Luqa 24.[63] Dan il-paralleliżmu iżda aktar jixħet dawl fuq il-mod kif San Luqa kien iqis il-ħajja ta' Ġesù li kellha tkun tirrifletti fil-ħajja tal-Knisja tal-bidu, milli kif għandna nifhmu l-ġrajja tad-Dixxiplii ta' Għemmaws.[64]

**L-istruttura tal-episodju ta' Għemmaws**

Numru ta' kummentarji u studji oħra fuq l-Evanġelju skont San Luqa għamlu attentati differenti biex jippreżentaw l-istruttura li fuqha hi mibnija l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws f'Luqa 24. Hemm min traċċja struttura "kjażmika" jew "simetriji konċentriċi"

---

59 Ara Lq 2:41-50.

60 Ara Lucien Legrand, "Deux voyages. Luc 2,41-50; 24,13-33," fi *À cause de l'Évangile*, ed. *R.Refoulé*. Lectio Divina, 123 (Paris: Éditions du Cerf, 1985), 417 fejn jagħti enfasi wkoll lill-korrispondenza strutturali bejn iż-żewġ rakkonti, anke jekk huma diversi.

61 Ara Nolland, *Luke 18:35-24:53*, 1178-1179.

62 Jeanne d'Arc, *Les pèlerins d'Emmaüs* (Paris: Éditions du Cerf, 1977), 196f.

63 Ara Lq 10:25-37.

64 Fuq dan il-punt ara Nolland, *Luke 18:35-24:53*, 1200.

għall-episodju ta' Għemmaws.[65] Għalkemm dan ma jfissirx li bilfors San Luqa ried jibni dan ir-rakkont b'dan il-mod xjentifiku, l-istruttura li traċċjaw dawn l-istudjużi hi waħda mill-aktar interessanti. Ser nippreżentaw waħda minn dawn l-istrutturi suġġeriti b'ittri li jindikaw kif l-espressjonijiet tat-test jgħinuna nindividwalizzaw is-simetrija tar-rakkont. Ser insegwu l-istruttura kjażmika mogħtija minn Bruno Chenu[66] li kien qed isegwi xogħol ta' biblisti oħra bħal Louis Dussaut,[67] Roland Meynet[68] u Jeanne d'Arc.[69]

**G** KIENU SEJRIN (bil-Grieg: *ēsan poreuoménoi*) – barra minn Ġerusalemm (v.13)

**H** JITĦADDTU (bil-Grieg: *ħomiloun*) – BEJNIETHOM (bil-Grieg: *autoi*) (v.14)

**I** ** ĠESÙ NNIFSU (bil-Grieg: *autòs Iesous*) – baqa' miexi MAGĦHOM (bil-Grieg: *syneporeúeto autois)* (v.15)

** U ĠARA (bil-Grieg: *kai egéneto*) (v.15)

**J** GĦAJNEJHOM – kellhom xi jżommhom (bil-Grieg: *ekratounto*) – MA SETGĦUX JAGĦRFUH (bil-Grieg: *me epignōnai autòn*) (v.16)

**K** *vjolenza, diskussjoni* u waqfa (bil-Grieg: *estáthēsan*) (v.17)

**L** *Impressjoni ta' xi ħadd li ma jafx x'ġara* (v.18).

**M** DAK LI ĠARA LIL ĠESÙ (bil-Grieg: *autò(i) ta perì Iesou*) (v.19)

**N** PROFETA (bil-Grieg: *prophētēs*) – *FIL-KLIEM* (bil-Grieg: *lógō(i))* (v.19)

**O** TAWH/SALLBUH (bil-Grieg: *parédōkan*) (v.20)

**P** *Delużjoni tad-dixxipli:* AĦNA KONNA NITTAMAW (bil-Grieg: *ēlpízomen* (v.21)

**Q** NISA (bil-Grieg: *gynaikés*) – XI WĦUD (bil-Grieg: *tines*) – TAGĦNA (bil-Grieg: *ex ħemōn*) – QABAR (bil-Grieg: *mnēmeion*) – MA SABUHX (bil-Grieg: *me ħeurousai*) – ĠEW JGĦIDU (bil-Grieg: *ēlthon*) - RAW (bil-Grieg: *ħeōrakénai*) (vv.22-23)

---

[65] Ara ibid*.,* 1199. Ara wkoll Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 1019.

[66] Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 42-43.

[67] Ara Louis Dussaut, "Le Triptyque des Apparitions en Luc 24," *Revue Biblique* 94 (1987): 161-213.

[68] Ara Roland Meynet, *Jésus passe* (Paris: Éditions du Cerf, 1999).

[69] Ara d'Arc, *Les pèlerins d'Emmaüs*.

QALULHOM LI HU ĦAJ (bil-Grieg: *légousin autòn zēn*) (v.23)

**Q'** MARRU (bil-Grieg: *apēlthón*) - XI WĦUD (bil-Grieg: *tines*) – TAGĦNA (bil-Grieg: *tōn syn ħēmin*) – IL-QABAR (bil-Grieg: *mnēmeion*)
– SABU (bil-Grieg: *ħeuron*) - NISA (bil-Grieg: *gynaikes*)
– KIF KIENU QALU (bil-Grieg: *eipon*) - MA RAWHX (bil-Grieg: *autòn ouk eidon* (v.24)

**P'** *Id-delużjoni ta' Ġesù:* tqal biex temmnu ... (Bil-Grieg: *bradeis tē(i) kardía(i) tou pisteύein*) (v.25)

**O'** ibati (Bil-Grieg: *pathein*) (v.26)
**N'** PROFETI (Bil-Grieg: *prophētōn*) – JFISSRILHOM (Bil-Grieg: *diermēneusen autois*) (v.27)
**M'** LI KIEN HEMM FUQU (Bil-Grieg: *perì ħeautou*) (v.27)
**L'** *l-impressjoni li kien ser jibqa' sejjer 'il bogħod* (v.28)
**K'** *vjolenza (stedina) u waqfa* (v.29)

**J'** ** *infetħulhom* (bil-Grieg: *diēnoíchthēsan*) – GĦAJNEJHOM (bil-Grieg: *opthalmoi*) – GĦARFUH (bil-Grieg: *epégnōsan autòn*) (v.31)
** U ĠARA ... (bil-Grieg: *kai egéneto*) (v.30).

**I'** HU NNIFSU (bil-Grieg: *autòs*) – GĦAB (bil-Grieg: *áphantos*) – MINN QUDDIEMHOM (bil-Grieg: *ap' autōn*) (v.31).

**H'** BDEW JGĦIDU (bil-Grieg: *eipan*) – WIEĦED LILL-IEĦOR (bil-Grieg: *pros allēlous*) (v.32).

**G'** REĠGĦU LURA (bil-Grieg: *hypéstrepsan)* – LEJN ĠERUSLEMM (bil-Grieg: *eis Ierousalēm*) (v.33).

**L-ESEĠEŻI TAT-TEST**

**"Dakinhar stess ġara li tnejn minnhom kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm, jitħaddtu bejniethom fuq kulma kien ġara" (vv.13-14).**

**Nota Kronoloġika**

L-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws tibda fil-vers 13 b'nota tipika ta' San Luqa "U araw" (bil-Grieg: *kai idou*).[70] Din in-nota tiġi tradotta fit-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija,* bil-kelma "ġara" għalkemm *il-Bibbja Saydon* tħalli dak li jikteb San Luqa "u ara." L-espressjoni bil-Grieg *kai idou* hawnhekk tagħmel parti mill-istil ta' San Luqa fuq l-imitazzjoni tas-LXX. L-istorja mbagħad tipprovdi nota kronoloġika: "Dak~~-in~~-nhar stess ..."[71] li permezz tagħha l-Evanġelista San Luqa jeħodna għall-istess jum meta nstab il-qabar vojt f'"l-ewwel jum tal-ġimgħa,"[72] ~~-~~in-nota li biha jiftaħ il-kapitlu 24.[73] San Luqa jgħaqqad din in-nota kronoloġika mal-ewwel vjaġġ li żewġ dixxipli kienu qed jagħmlu minn Ġerusalemm "lejn raħal jismu Għemmaws."[74] Dan narawh ukoll fil-vv.22-24 fejn iż-żewġ dixxipli jiġbru fil-qosor f'dak li jirrappurtaw il-ġrajjiet rakkuntati fil-vv.1-12, hekk kif l-aħħar vers tar-rakkont, il-vers 35 jiġbor fil-qosor l-esperjenza personali ta' dawn iż-żewġ dixxipli fit-transizzjoni tal-episodju li jsegwi. L-episodju jagħti indikazzjonijiet oħra tal-ħin jew żmien bħal fil-vers 33 fejn naqraw: "Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm." B'dan il-mod, l-evanġelista jagħmel żgur li l-qarrej jifhem li l-ġrajjiet kollha f'dan l-aħħar kapitlu seħħew fi żmien 24 siegħa.

---

[70] Ara Lq 1:20.31.36; 2:25; 5:12.18; 7:12 eċċ.

[71] Lq 24:13.

[72] Lq 24:1.

[73] L-argument ta' xi wħud bħal Edward E. Ellis, *The Gospel of Luke* (London: New Century Bible, $^{2}$1974), 276, li jidentifikaw dan bħala "t-tmien jum," il-bidu ta' ħolqien ġdid hu biss attentat dubjuż sabiex jiġi spjegat dan ir-rakkont fid-dawl ta' ħsieb Nisrani tardiv u m'għandu l-ebda bażi reali fit-test. Fit-Tradizzjoni Sinottika u dik ta' San Ġwann din in-nota temporali ssir: "L-ewwel jum tal-ġimgħa," jiġifieri l-jum tal-Ħadd.

[74] Lq 24:13.

**Kuntrast simetriku**

Ir-rakkont nistgħu nifhmuh fi prospettiva ta' binja ta' kuntrast simetriku li jsegwi moviment doppju. Fl-ewwel parti li twassal sal-vers 24 tiġbor fiha separazzjoni u diviżjoni: iż-żewġ dixxipli jitbiegħdu mhux biss minn Ġerusalemm, il-post fejn iseħħ il-qawmien ta' Kristu mill-mewt, imma wkoll minn sħabhom id-dixxipli. Dawn iż-żewġ dixxipli huma mifruda wkoll fihom infushom għall-fatt li mhux biss ma jagħrfux lil Ġesù li ltaqa' magħhom fit-triq imma wkoll minħabba li ma fehmux il-ġrajjiet tas-salvazzjoni kif kellhom iseħħu. B'dan il-mod, dawn id-dixxipli huma ppreżentati bħala persuni mdejjqa u diżappuntati.

Kollox jinqaleb ta' taħt fuq mill-vers 25 fejn Ġesù jsir is-suġġett tal-azzjonijiet u jieħu kontroll tas-sitwazzjoni: hu Ġesù li jispjega dak li kien ġara lil "Ġesù ta' Nazaret" fid-dawl tal-Iskrittura. Imbagħad, hu jassumi r-rwol tas-sid li jilqa' lil dawn il-vjaġġaturi fid-dar bil-ġest tal-"qsim tal-ħobż." Hekk "id-distanzi" jitħassru kollha: id-dixxipli jagħrfu lil Ġesù, il-qalb tad-dixxipli "imkebbsa" twassal biex dawn jirritornaw Ġerusalemm fil-komunità tad-dixxipli minn fejn kienu telqu.

L-episodju hu mibni fuq żewġ vjaġġi f'direzzjonijiet opposti: l-ewwel vjaġġ ħa liż-żewġ dixxipli minn Ġerusalemm għal Għemmaws u t-tieni vjaġġ jieħu l-istess dixxipli fid-direzzjoni opposta minn Għemmaws għal Ġerusalemm. Żgur li t-tema tal-*vjaġġ* hi waħda importanti fit-teoloġija ta' San Luqa. Il-motif tal-vjaġġ diġà evidenti bi prominenza kbira fir-rakkonti tat-twelid u tal-infanzja ta' Ġesù[75] jikseb dawl ġdid minn 9:51 fejn dan l-Evanġelista b'mod konxju jippreżentalna lil Ġesù fi triqtu lejn Ġerusalemm.[76] "Il-parabboli ta' Ġesù wkoll spiss jiddeskrivu itinerarju: l-iben il-ħali; is-samaritan it-tajjeb ... il-missjoni tal-appostli kellha tkun itinerarju minn Ġerusalemm għat-truf kollha tal-art, b'mod li 'it-triq' kellu jsir l-isem li bih jissejħu l-ewlenin insara. Għal San Luqa, id-dixxiplu ta' Ġesù hu qabel xejn, 'sieħeb tal-vjaġġ.'"[77]

[75] Ara Edward Sri, *Rethinking Mary in the New Testament* (San Francisco: Ignatius, 2006).

[76] Ara Luca Bassetti, *Il viaggio della parola e del discepolo nel Vangelo di Luca* (Trapani: Il pozzo di Giacobbe, 2012).

[77] Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 46.

**It-tema tal-vjaġġ**

It-tema tal-vjaġġ fir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws hi mmarkata b'serje ta' verbi li juża l-Evanġelista u li lkoll juru moviment jew spostamenti:[78] "sejrin";[79] "resaq lejhom";[80] "baqa' miexi";[81] "intom u miexja";[82] "qorbu";[83] "fejn kienu sejrin";[84] "jibqa' sejjer";[85] "fit-triq";[86] "qamu u reġgħu lura";[87] "fit-triq."[88] Ma' dawn inżidu wkoll il-verbi marbuta mal-vjaġġ fir-rappurtaġġ taż-żewġ dixxipli lill-vjaġġatur: "marru."[89]

Forsi f'dan il-punt tal-istorja tajjeb nistaqsu għaliex dawn iż-żewġ dixxipli telqu lil Ġerusalemm. Joachim Jeremias iżomm li ż-żewġ dixxipli li jissemmew f'dan l-episodju ta' Għemmaws aktarx li kienu qed jirritornaw id-dar wara li kienu ċċelebraw il-festa tal-Għid.[90] Il-fatt iżda li dawn iż-żewġ dixxipli kienu qed jitilqu minn Ġerusalemm ifisser li huma kienu qed imorru direttament kontra l-ordni ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli biex ma jitilqux minn din il-Belt sakemm jirċievu l-Ispirtu.[91] It-tluq ta' dawn iż-żewġ dixxipli mela jimmarka l-bidu ta' qasma 'l bogħod mit-tama li kien tahom Ġesù.[92]

---

[78] Fuq dawn il-verbi f'rabta mal-vjaġġ f'Lq 24:13-35 ara Bernard P. Robinson, "The Place of the Emmaus Story in Luke-Acts," *New Testament Studies* 30 (1984): 481-82; Robert J. Karris, "Luke 24:13-35," *Interpretation* 41 (1987): 57-58; Arthur Just Jr, *The Ongoing Feast: Table Fellowship and Eschatology at Emmaus* (Pueblo, Collegeville, MN: Liturgical, 1993), 58; Dillon, *From Eyewitnesses to Ministers of the Word,* 89-90;

[79] Lq 24:13.

[80] Lq 24:15.

[81] Lq 24:15.

[82] Lq 24:17.

[83] Lq 24:28.

[84] Lq 24:28.

[85] Lq 24:28.

[86] Lq 24:32.

[87] Lq 24:33.

[88] Lq 24:35.

[89] Lq 24:22.24.

[90] Ara Joachim Jeremias, *The Eucharistic Words of Jesus* (London: SCM, [2]1966), 72, no.2.

[91] Ara Lq 24:49.

[92] Fuq dan il-punt ara Robert H. Smith, *Easter Gospels: The Resurrection of Jesus According to the Four Evangelists* (Minneapolis: Augsburg, 1983), 113.

**Il-lokalizazzjoni ta' Għemmaws**

Il-lokalizazzjoni tad-destinazzjoni Għemmaws tidher li mhix ivvintata minn San Luqa.[93] L-Evanġelista li jagħtina d-distanza ta' dan il-vjaġġ jagħmel dan b'mod preċiż. Hu ma jiktibx li d-distanza bejn Ġersusalemm u Għemmaws kienet "*madwar* 60 stadju," jew "xi" kif naqraw fit-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija,* iżda sempliċiment "sittin stadju," (bil-Grieg: *stadious heksēkonta*).[94] Tlieta huma l-postijiet ewlenin suġġeriti għal "Għemmaws" li jsemmi San Luqa hawnhekk.

*Ammaous,* magħrufa diġà minn żmien il-Makkabin[95] u li tissemma wkoll minn *Ġużeppi Flavju.*[96] Fis-sena 223 WK, l-isem ta' dan il-post inbidel għal *Nicopolis*.[97] L-isem modern ta' dan ir-raħal hu *'Amwas,* l-isem Għarbi għall-forma Griega *Emmaous,* qrib Latrun.[98] Id-distanza twila ta' dan il-post minn Ġerusalemm toħloq diffikultà sabiex nidentifikaw dan il-post bħala r-raħal li jsemmi San Luqa.

It-tieni post suġġerit hu *Emmaous* imsemmi minn *Ġużeppi Flavju* bħala post "30 stadju" bogħod minn Ġerusalemm.[99] Fi żminijiet aktar reċenti dan il-post beda jissejjaħ *Kuloniyeh* sakemm inqered fil-ġlied tal-1948.[100] Id-diffikultà hawnehkk hi d-distanza li prattikament hi biss in-nofs ta' dik mogħtija minn San Luqa.[101] Benoit jissuġġerixxi li San Luqa b'mod żbaljat ta d-distanza għall-vjaġġ minn Ġerusalemm għal Għemmaws u lura.[102]

It-tielet, sa minn żmien il-Kruċjati l-villaġġ ta' *el-Qubeibeh,* madwar 63 stadju minn Ġerusalemm fit-triq ta' Lydda, ġie identifikat bħala Għemmaws li jsemmi San Luqa. Xi

---

93 Ara Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 1020.

94 Dwar id-distanza mkejla hawnhekk bi stadji, ara wkoll Ġw 6:19; 11:18; Apok 14:20; 21:16.

95 Ara 1 Makk 3:40, 57; 4:3.

96 *Jewish Wars* 2.4,3 § 63; 2.5,1 § 71, jew *Emmaous Ant.* 17.10,7 § 282; 17.10,9 § 291.

97 Ewsebju jiddentifika dan il-post bħala r-raħal li minnu kien ġej Kleofa. Hekk ukoll San Ġilormu u l-kittieb tas-Seklu 5, Sozomen. Għal aktar dettalji ara Fitzmyer, *The Gospel According to Luke* X-XXIV, 1560.

98 Ara Fitzmyer, *The Gospel According to Luke* X-XXIV, 1560.

99 Ara *Jewish Wars* 7.6,6 § 217.

100 Għal aktar dettalji ara Fitzmyer, *The Gospel according to Luke* X-XXIV, 1562.

101 Fost l-istudjużi li jissuġerixxu dan il-post bħala r-raħal li jsemmi San Luqa insibu lil John M. Creed, *The Gospel according to Luke* (London: Macmillan & Co., 1930), 295.

102 Ara Pierre Benoit, *Passion and Resurrection* (New York: Herder and Herder, 1969), 271-274.

Għarab moderni, għalkemm mhux aktar kmieni mis-seklu 20, jirreferu għal dan il-villaġġ bħala *'Amwas.* Għalkemm dan il-post hu qrib is-60 stadju li jsemmi San Luqa, hu ma kienx magħruf fis-Seklu 1 WK.[103]

Minbarra d-diffikultà li hemm biex nagħżlu liema wieħed minn dawn it-tliet postijiet seta' kien il-post li jsemmi San Luqa, hemm ukoll il-problema tad-distanza bejn Ġerusalemm u Għemmaws. Filwaqt li numru ta' manuskritti jagħtu d-distanza ta' "60 stadju," manuskritti oħra u xi Missirijiet tal-Knisja bħal Ewsebju, Ġilormu, Sozomen jagħtu distanza differenti ta' "mija u sittin stadju" (bil-Grieg: *stadious ħekanton ħeksēkonta*).[104] Jekk stadju jikkorrispondi għal 185 metru, 60 stadju jikkorrispondu għal madwar ħdax-il kilometru, filwaqt li 160 stadju jikkorrispondu għal madwar 30 kilometru.[105] Jista' jkun li din id-distanza ta' 160 stadju daħlet maż-żmien sabiex jiġi identifikat Nicopolis bħala l-Għemmaws ta' San Luqa.[106] Jekk inhu hekk, il-qari varjant hu emenda ta' korruzzjoni testwali primittiva.

Għalkemm m'għandniex il-possibbiltà li nkunu ċerti mill-post eżatt ta' dan ir-raħal li lejh dawn iż-żewġ dixxipli kienu mexjin, meta nqisu l-problemi testwali u l-possibilitajiet ta' identifikazzjoni, kif ukoll il-problema li kellu San Luqa dwar il-ġeografija tal-Palestina, ir-raġuni l-għala dan l-Evanġelista jsemmi dan il-post tidher biss li hi intenzjonata sabiex iżżomm il-ġrajja fil-viċinanza ta' Ġerusalemm.[107] Hemm jiftaħ dan l-evanġelju, eżattament fit-Tempju ta' Ġerusalemm u hemm jagħlaq fl-istess post. Il-belt il-qaddisa hi tassew l-epiċentru taż-żjara ta' Alla, il-post li lejh Ġesù dawwar wiċċu f'mixja twila[108] u li wasslitu għall-"eżodu"[109] tiegħu. Mhuwiex possibli li profeta jmut barra Ġerusalemm.

---

[103] Fost l-istudjużi li jżommu din l-identifikazzjoni hemm Prosper-Marie Viaud, *Qoubeibeh Emmaus évangélique: Etude archéologique de son église et da la maison qu'elle enclave* (Jerusalem: Saint-Sauveur, 1930); Antonin De Guglielmo, "Emmaus," *Catholic Biblical Quartely* 3 (1941): 293-301.

[104] Ara Alberto Vaccari, "L'Emmaus di S. Luca: Punti sugli i," *Antonianum* 25 (1950): 493-500.

[105] Ara Chenu, *I discopoli di Emmaus,* 45.

[106] Ara Gustaf H. Dalman, *Sacred Sites and Ways* (London: SPCK, 1935), 226-31; Louis-Hugues Vincent u Félix-Marie Abel, *Emmaus: Sa basilique et son histoire* (Paris: Leroux, 1932).

[107] Ara I. Howard Marshall, *The Gospel of Luke*. The New International Greek Testament Commentary (Grand Rapids, MI: Paternoster, 1978), 892 fejn jikkwota x-xogħol ta' Gerhard Lohfink, *Die Himmelfahrt Jesu* (München, 1971), 207f, 264f.

[108] Ara Lq 9:51.

[109] Ara Lq 9:31.

Dan ifisser li l-post eżatt ta' Għemmaws, li tant studjużi ppruvaw jiddentifikaw hu biss ta' interess periferiku.[110] Fid-dawl ta' dan, Bruno Chenu jikkonkludi li Għemmaws hu l-villaġġ li "ma jinstab imkien."[111] Id-destinazzjoni vera ta' dawn iż-żewġ dixxipli kienet tikkonsisti filli jiskopru mill-ġdid it-tifsira tal-punt tat-tluq tagħhom: Ġerusalemm. "Hekk kif il-vjaġġ ġeografiku jimxi minn Ġerusalemm għal Ġerusalemm, il-vjaġġ ġenwin jimxi mid-desolazzjoni għat-tama, mill-għamad għal dawl tal-għarfien, minn taħwid (għal wieħed li bih id-dixxipli) jifhmu, mill-mewt għall-ħajja. Fil-ġrajja ta' Għemmaws id-destinazzjoni vera tad-dixxipli hi li jifhmu li l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù jimmarkaw il-milja tat-tama."[112]

**Id-diskussjoni tad-dixxipli**

Wara li San Luqa jinfurmana li dawn iż-żewġ dixxipli kienu fi triqthom lejn Għemmaws hu jżid li fit-triq kienu qed "jitħaddtu bejniethom fuq kulma kien ġara."[113] Il-verb bil-Grieg li juża l-evanġelista hawnhekk għal "jitħaddtu" hu *ħomileō* li jerġa' jużah fil-vers ta' wara, il-vers 15.[114] L-użu tal-imperfett għall-verb "jitħaddtu" hawnhekk jindika li din id-diskussjoni kienet waħda fit-tul u kontinwa. Fit-triq, id-dixxipli kienu qed jitħaddtu "fuq kulma (bil-Grieg: *peri pantōn*)[115] kien ġara (bil-Grieg: *symbebēkótōn*)."[116] Il-kontenut tad-diskussjoni bejn iż-żewġ dixxipli hu speċifikat fil-versi 19 sa 24 meta huma jispjegaw lill-vjaġġatur dak li kien għadda minn Ġesù ta' Nazaret fil-passjoni, il-mewt u s-sejba tal-qabar vojt.

---

[110] Fid-dawl ta' dan ninnutaw li l-uniku post ieħor fejn dan l-evanġelista jindika d-distanza hu meta jagħtina x-xena tat-tlugħ is-sema ta' Ġesù f'Atti 1:12 fejn naqraw: "Imbagħad reġgħu lura lejn Ġerusalemm mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs il-mixja tas-Sibt." Mill-ġdid hawnhekk ninnutaw li r-referenza għad-distanza tingħata sabiex tinżamm iċ-ċentralità tal-belt ta' Ġerusalemm.

[111] Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 45.

[112] McBride, *Emmaus,* ix.

[113] Lq 24:14.

[114] Ara wkoll Atti 20: 11; 24:26.

[115] Ara wkoll Lq 3:19.

[116] Għall-użu tal-kelma bil-Grieg *sumbaino* ara wkoll Atti 3:10; 20:19; 21:35. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XVIV,* 1562 jiġbed l-attenzjoni għad-differenza bejn din l-espressjoni newtra u *peplērophorēmena* użata f'Lq 1:1.

**"(U ġara) li huma u jitħaddtu u jitkixfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom. Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh"(vv.15-16).**

Nieqsa mit-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* hi l-ewwel frażi li biha fit-test Grieg San Luqa jiftaħ il-vers 15: *kai egeneto* - bil-Malti "U ġara."[117] Imbagħad l-Evanġelista juża żewġ verbi biex jiddeskrivi l-konverżazzjoni ta' bejn dawn iż-żewġ dixxipli (bil-Grieg: *ħomilein autous kai syzētein*) li l-*Għaqda Biblika Maltija* ttraduċithom hekk: "*jitħaddtu* u *jitkixxfu* bejniethom" filwaqt li l-*Bibbja Saydon* tittraduċi: "*jitħaddtu* u *jistħarrġu* bejniethom." Huma diversi t-traduzzjonijiet tat-tieni verb bil-Grieg *syzētein* li San Luqa diġà użah f'22:23 fir-rakkont tal-Aħħar Ċena meta wara li Ġesù ħabbar it-tradiment ta' wieħed mid-dixxipli, dawn "bdew *jistaqsu* lil xulxin min minnhom kien se jagħmel dan."

**Il-vjaġġatur**

Hu f'dan il-punt tan-narrattiva fejn San Luqa jintroduċi personaġġ ġdid fl-istorja. "Ġesù *nnifsu*" (bil-Grieg: *autòs Iesous).*[118] L-użu tal-kelma "innifsu" tenfasizza l-mod enfatiku li bih l-evanġelista jintroduċi lil Kristu Rxoxt li resaq lejn dawn iż-żewġ dixxipli "u baqa' miexi magħhom."[119] L-evanġelista jagħtina l-impressjoni li bħaż-żewġ dixxipli, dan il-vjaġġatur kien qed jitbiegħed minn Ġerusalemm fi triqtu lejn xi mkien ieħor wara l-festa tal-Għid, kif jissuġġerixxi l-vers 28 meta dan il-vjaġġatur "għamel tabirruħu li hu kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod."

Il-qarrej iżda jaf dak li dawn iż-żewġ dixxipli ma jafux: il-personaġġ ġdid li daħal fix-xena mhuwiex sempliċiment vjaġġatur, imma Ġesù nnifsu! B'dan il-mod, l-evanġelista joħloq tensjoni "drammatika" li tissolva fl-aħħar tal-episodju meta dawn iż-żewġ dixxipli jagħrfu l-identità vera ta' dan il-vjaġġatur li "resaq lejhom u baqa' miexi magħhom."[120]

**Iż-żjara ta' Alla f'Ibnu Ġesù**

[117] Hekk ukoll il-*Bibbja Saydon* tħalli barra din il-frażi fil-vers 15.
[118] Ara wkoll Lq 20:42.
[119] Lq 24:15.
[120] Lq 25:15.

Ninnutaw hawnhekk l-użu ta' żewġ verbi importanti li s-suġġett tagħhom hu Ġesù nnifsu: "resaq" (bil-Grieg: *engísas*) u "baqa' miexi" (bil-Grieg: *syneporeúeto autois*). Il-verb "*resaq* lejhom" hu familjari għal San Luqa.[121] Dan l-evanġelista juża dan l-istess verb biex jesprimi moviment gradwali li wassal għall-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Dan narawh mill-fatt li dan l-istess verb hu ripetut għal tliet darbiet fl-aħħar fażi tal-vjaġġ ta' Ġesù f'Ġerusalemm.[122]

L-istorja tar-rivelazzjoni spiss hi ppreżenata bħala serje ta' żjarat min-naħa tal-Mulej lejn il-poplu tiegħu fi żminijiet partikulari. Id-distanza u s-separazzjoni kbira bejn Alla u l-bniedem tingħeleb permezz tal-użu tal-lingwaġġ konvenzjonali użat għal dawn iż-żjarat li jesprimi t-tifsira ta' kull żjara ta' Alla lill-bniedem. B'dan il-mod, kull żjara ta' Alla kif deskritta fil-paġni tal-Kotba Mqaddsa, nistgħu nqisuha bħala sinjal viżibbli tal-pjan divin li bih il-Mulej Alla juri l-imħabba u l-ġustizzja tiegħu, u allura bħala għan aħħari tas-salvazzjoni għall-bniedem.

San Luqa jaddotta dan il-kunċett taż-żjara ta' Alla kif inhu espress fit-Testment il-Qadim sabiex jitkellem fuq kif is-salvazzjoni ta' Alla li issa kienet preżenti fost il-bnedmin permezz tal-persuna ta' Ġesù.[123] L-idea kollha tas-salvazzjoni tipprovdi ċ-ċavetta għat-teoloġija ta' Luqa-Atti.[124] Diġà fir-rakkonti tat-twelid ta' Ġesù, San Luqa jitkellem miż-żjara ta' Alla bħala ż-żmien ta' salvazzjoni. Hekk ikanta Żakkarija fit-twelid ta' ibnu Ġwanni: "Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, għaliex ġie *jżur* (bil-Grieg: *epesképsato)* u *jifdi* (bil-Grieg: *lytrōsin*) l-poplu tiegħu."[125] Din l-istqarrija San Luqa jirrepetiha f'19:10 meta fid-dar ta' Żakkew, Ġesù jiġbor fil-qosor il-missjoni tiegħu b'dan il-mod: "Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf." L-istess evanġelista jurina wkoll kif fil-ħafna

---

[121] Il-verb *engísas* jintuża 18-il darba fl-evanġelju skont San Luqa, sitt darbiet fl-Atti tal-Appostli, filwaqt li nsibuh użat seba' darbiet f'San Mattew, tliet darbiet f'San Mark u qatt f'San Ġwann. Ara Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 46.

[122] Ara Lq 19:29.37.41.

[123] Hans Conzelmann, *The Theology of Saint Luke* (London: Faber and Faber, 1969), 187 iżomm li t-tifsira tal-ħajja ta' Ġesù toħroġ mill-ġrajja ta' salvazzjoni.

[124] Fost il-ħafna studji li jittrattaw l-importanza tal-kunċett ta' salvazzjoni fil-kitbiet ta' San Luqa ara François Bovon, *Luke: The Theologian, Fity-five Years of Research (1950-2005)* (Waco, TX: Baylor University Press, 2006), 273-328.

[125] Lq 1:68.

mirakli li kien qed jagħmel Ġesù, in-nies għarfu ż-żjara ta' Alla fosthom: "'Profeta kbir qam fostna,' u 'Alla *żar* (bil-Grieg: *epesképsato*) il-poplu tiegħu.'"[126]

San Luqa jurina wkoll li din is-salvazzjoni li Ġesù ġab miegħu hi ħafna drabi marbuta ma' ikliet jew ġesti ta' ospitailtà, sinjal tat-twettiq messjaniku tal-missjoni ta' Ġesù,[127] kif ukoll antiċipazzjoni tal-ikla messjanika meta popli mill-erbat irjieħ tad-dinja "jiġu mil-Lvant u mill-Punent, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar u joqogħdu għall-mejda fis-Saltna ta' Alla."[128] Hu b'dan l-isfond f'moħħna li rridu nippruvaw naqraw id-dettall li San Luqa jinserixxi f'Lq 24:15 bħala parti mill-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws meta naqraw li "Ġesu nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom."

Il-Mulej jew forsi aħjar Kristu Rxoxt, kien qed iżur lil dawn iż-żewġ dixxipli f'din il-mixja ta' diżappunt tagħhom biex jagħtihom "is-salvazzjoni" tiegħu fl-aħbar li hu kien tassew ħaj. Għalkemm iżda Ġesù issa kien preżenti u miexi ma' dawn id-dixxipli, hu kien għadu mhuwiex preżenti għalihom bħala "il-Mulej," imma biss bħala "vjaġġatur" u "barrani"[129] li ngħaqad magħhom fil-vjaġġ tagħhom "u baqa' miexi magħhom."[130]

L-użu ta' dan it-tieni verb fil-vers 15 "baqa' miexi magħhom" (bil-Grieg: *syneporeueto autois*) hu l-istess wieħed li San Luqa juża f'7:11 fil-bidu tal-episodju tal-armla ta' Najn fejn naqraw: "Imbagħad mar f'belt jisimha Najn, u *marru miegħu* (bil-Grieg: *syneporeuonto*) d-dixxipli tiegħu u kotra kbira ta' nies." Hu f'din il-mixja maż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws li Ġesù, bil-mod il-mod, jirrivela lilu nnifsu b'mod li San Luqa jurina li "aħna komunità li ninsabu f'mixja."[131]

**L-għajnejn magħluqin**

Numru ta' kummentarju jaqblu li r-raġuni l-għala ż-żewġ dixxipli ma għarfux lil Ġesù hi waħda divina. L-użu grammatikali tal-verb fil-passiv użat fil-v.16 għall-għajnejn tad-dixxipli li "kellhom xi jżommhom (bil-Grieg: *ekratounto*)," fil-Grieg bibliku jesprimi azzjoni magħmula mill-Mulej Alla stess. F'dan il-każ mela, kien il-Mulej Alla nnifsu li ried

---

[126] Lq 7:16. Għall-kunċett taż-żjara ta' Alla fil-paġni tat-Testment il-Qadim u kif dawn ġew addottati minn San Luqa ara McBride, *Emmaus.*

[127] Ara Is 25:6; 55:1; 65:11.

[128] Lq 13:29.

[129] Ara Lq 24:18.

[130] Lq 24:15.

[131] Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 46.

li dawn id-dixxipli ma jagħrfux l-identità ta' dan il-vjaġġatur li ltaqa' magħhom fit-triq.[132] Xi kummentarji oħra iżda ma jeskludux li din l-azzjoni kienet ġejja mix-xitan.[133] Ikollna nistennew sal-ġest tal-qsim tal-ħobż biex l-għajnejn miżmuma ta' dawn iż-żewġ dixxipli jinfetħu u jagħrfu lil Kristu Rxoxt. Għalissa iżda f'din il-fażi tal-istorja, naqraw li ż-żewġ dixxipli "ma setgħux jagħrfuh (bil-Grieg: *mē epignōnai*)."[134]

Il-fatt li d-dixxipli ma setgħux jagħrfu lil Ġesù m'għandux iwassalna biex naħsbu li Ġesù deher f'xi "forma oħra" kif naqraw fit-tmiem tal-Evanġelju skont San Mark: "Wara dan, wera ruħu *taħt sura oħra* (bil-Grieg: *en ħetera(i) morphē(i)*) lil tnejn minnhom huma u sejrin bil-mixi lejn ir-raba'."[135] Filwaqt li ngħidu dan, irridu nfakkru f'dak li għedna meta tkellimna fuq il-motif li jgħaqqad il-mod kif San Luqa jirrakkonta l-ġrajja ta' Għemmaws ma' stejjer Griegi-Rumani ta' allat li jidhru f'forma umana li ma jintagħrfux mill-ewwel. Dan il-motif ta' Kristu Rxoxt li ma jintagħrafx mill-ewwel mill-persuni li lilhom jidher hu ripetut f'episodji oħra li nsibu fl-evanġelju skont San Ġwann. Marija ta' Magdala fixklet lil Kristu Rxoxt mal-"ġardinar" sakemm dan sejħilha b'isimha u mbagħad għarfitu bħala l-Imgħallem li hi kienet qed tfittex b'tant ħerqa.[136] Hekk ukoll is-seba' dixxipli li marru jistadu, "ma kinux jafu li kien Ġesù"[137] ir-raġel li raw ħdejn il-baħar ta' Tiberija.

San Luqa bħall-evanġelista San Ġwann joħloq sitwazzjoni ta' suspense għall-qarrej: meta u kif id-dixxipli se jaslu biex jagħrfu l-identità vera ta' dan il-vjaġġatur? F'dan kollu xi studjużi jiġbdu l-attenzjoni għar-referenza tal-ftuħ tal-għajnejn ta' Adam u Eva bħala l-ewwel espressjoni użata wara l-waqgħa tagħhom fid-dnub.[138] Min-naħa l-oħra, il-ftuħ ta' għajnejn id-dixxipli ta' Għemmaws se tkun ukoll l-ewwel espressjoni li l-Evanġelista San Luqa juża bħala ġest li jirrifletti l-grazzja ta' Alla għall-bniedem "fl-ewwel jum

[132] Ara Rossé, *Il vangelo di Luca,* 1022; Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XXIV,* 1563.

[133] Ara Nolland, *Luke 18:35-24:53,* 1201, fejn jikkwota wkoll Lq 18:34 - "Iżda minn dan kollu ma fehmu xejn; kien diskors li baqa' mistur għalihom, u ma fehmu xejn milli qal." Ara wkoll Lq 9:45.

[134] Għall-użu ta' dan il-verb f'San Luqa ara wkoll Lq: Lk 24, 16.31; Atti 3, 10; 12:14.

[135] Mk 16:12.

[136] Ara Ġw 20:13-15. Ara Martin Micallef, *The Importance of 'Zeteo' in the Gospel of John: Excerpt from Thesis presented for the Degree of Doctor of Sacred Theology* (Malta: Univesity of Malta, 2010).

[137] Ġw 21:4.

[138] Ara Ġen 3:7.

tal-ġimgħa."[139] Mhux biss, imma l-ħobż bħala ikel fuq il-mejda fid-dar ta' Għemmaws, fejn issa kien hemm id-dixxipli fil-preżenza ta' Kristu Rxoxt, hu l-maqlub tal-ikel tal-frott tas-siġra li waqqa' fid-dnub lil Adam u Eva.[140]

**"U hu qalilhom: 'X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?' U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom" v.17.**

**Il-ħarsa ta' niket**

Hu l-vjaġġatur/Kristu Rxoxt li jiftaħ id-diskussjoni ma' dawn iż-żewġ dixxipli tiegħu billi jistaqsihom fuq hiex kienu qed jitkellmu. Litteralment it-traduzzjoni tat-test Grieg *tínes ħoi lógoi ħoutoi* hija: "X'inhuma dawn il-kliem?" It-tweġiba għal din il-mistoqsija kellha tikkonċentra fuq l-istess persuna ta' Ġesù li dawn iż-żewġ dixxipli ma setgħux jagħrfu. B'dan il-mod, f'din il-mistoqsija li jagħmlilhom Ġesù, San Luqa jorbot il-ġrajjiet li kienu għadhom kemm ġraw mat-tema tal-vjaġġ.

Imma qabel ma San Luqa jirrapporta t-tweġiba ta' dawn iż-żewġ dixxipli, hu jagħtina l-qagħda tagħhom ta' niket. L-espressjoni bil-Grieg: *skythropoi* hija tradotta bil-Malti: "b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom."[141] Il-ħarsa ta' wiċċhom kienet tikxef dak li kien hemm f'qalbhom kif naqraw aktar tard fil-v.25 meta Ġesù jgħidilhom: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti!" Dawn iż-żewġ dixxipli kien jonqoshom il-ferħ li kebbes qalb id-dixxipli l-oħra kif naqraw fin-nota li biha jagħlaq l-Evanġelju skont San Luqa: "U mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalemm, u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla."[142] La l-aħbar tal-qabar vojt u lanqas il-kliem tan-nisa li wasslulhom il-messaġġ tal-anġli ma biddel f'ferħ u t-tama n-niket li ħakem lil dawn id-dixxipli.

**"Imbagħad wieħed minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: "Inti waħdek il-barrani f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?" (v.18).**

---

[139] Lq 24:1.13.

[140] Fuq dan il-punt ara Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 47, fejn hu jfakkar ukoll li l-Atti tal-Appostli jagħlaq bin-nota fejn San Pawl jikkwota lil Iżaija: "Tħarsu kemm tħarsu ma tarawx" (Atti 28:26).

[141] L-istess espressjoni tintuża f'Mt 6:16.

[142] Lq 24:52.

**Kleofa u d-dixxiplu l-ieħor/l-oħra**

Nistgħu ngħidu li ż-żewġ dixxipli li jissemmew f'dan l-episodju huma parti minn grupp akbar ta' dixxipli li jissemmew fil-v.9 meta n-nisa marru jagħtu l-aħbar tal-qabar vojt "lill-Ħdax u lill-oħrajn kollha," imma dawn m'emmnux dak li qalu n-nisa. Dan nistgħu naslu għalih minħabba li Kleofa mhuwiex wieħed mill-Ħdax-il-Appostlu li jissemmew fil- v.10,[143] u għall-fatt li fil-v.33 iż-żewġ dixxipli marru lura Ġerusalemm għand "il-Ħdax." Il-fatt li San Luqa jippreżenta biss "żewġ" dixxipli ma jidhirx li hu dettall aċċidentali. San Luqa spiss juża n-numru tnejn fil-każ tax-xhieda: ħdejn il-qabar ta' Ġesù nsibu "żewġ irġiel" li jħabbru l-qawmien ta' Kristu.[144] Hekk ukoll jiġri fil-waqt tat-tlugħ is-sema ta' Ġesù.[145] Fil-waqt tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù nsibu żewġ xhieda oħra: lil Mosè u Elija.[146] Meta Ġesù bagħat lit-72 dixxiplu, bagħathom tnejn tnejn,[147] skont dak li kienet titlob il-liġi Lhudija fir-rigward tax-xhieda.

L-ikonografija nisranija donnu li dejjem qieset lil dawn it-tnejn bħala *dixxipli rġiel*. Il-grammatika tat-test iżda filwaqt li tuża l-maskil fil-plural matul ir-rakkont kollu, tista' tindika referenza għal raġel u mara, possibbiltà ta' raġel u martu, li jista' jkun kienu sejrin fid-dar taghhom. Brendan Byrne, iżda jagħmel argument kontra li d-dixxiplu anonimu kien mara meta jikteb: "Aktar tard (v.18) insiru nafu li l-isem ta' wieħed minnhom – Kleofa: l-ieħor jibqa' mhux identifikat. Li dan hu wkoll dixxiplu raġel hu impliċitu fil-kuntrast ma' 'xi nisa' fil-v.22. Dawn iż-żewġ dixxipli jappartjenu lil dan il-grupp kbir ta' dixxipli rġiel li baqgħu jirrifjutaw li jemmnu r-rapport tan-nisa (ara v.11). Ġesù jċanfarhom (v.25) minħabba dan. Jekk id-dixxiplu bla isem kienet mara, il-kuntrast bejn it-tweġiba tal-mara u dik tal-irġiel kien jintilef. Jiena naħseb li Luqa ried joħroġ dan il-kuntrast – favur in-nisa ... dawn tal-aħħar joħorġu bħala persuni aktar kredibbli mill-irġiel fir-rakkonti tal-qawmien li jagħtina San Luqa."[148]

---

[143] Fitzmyer, *The Gospel according to Luke* X-XXIV, 1560, ma jeskludix li d-dixxiplu l-ieħor bla isem hu wieħed mill-Ħdax.

[144] Ara Lq 24:4.

[145] Ara Atti 1:10.

[146] Ara Lq 9:30-32.

[147] Ara Lq 10:1. Ara wkoll Lq 7:18; 19:29.

[148] Brendan Byrne, *The Hospitality of God: A Reading of Luke's Gospel* (Collegeville, MN: Liturgical Press, 1989), 187, n.2.

Il-fatt li fl-evanġelju Kleofa jissemma hawn biss, iġagħalna nistaqsu jekk dan huwiex dak li martu hi msemmija fir-rakkont tal-passjoni tar-Raba' Evanġelju: "Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' *Kleofa,* u Marija ta' Magdala."[149] Kummentarji oħra iżda jżommu li Kloefa li jissemma fir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws m'għandu xejn x'jaqsam ma' Kleofa li jissemma fi Ġw 19:25, minħabba li l-isem ta' dan tal-aħħar hu fil-forma Griega ta' isem Semitiku.[150] Jista' jkun iżda li Kleofa jissemma b'ismu f'Lq 24 minħabba li dan il-personaġġ kien magħruf biżżejjed fil-knisja ta' San Luqa.[151]

Fir-rigward tad-dixxiplu bla isem, kienu bosta dawk li ppruvaw jiddentifikawh. Hawn min ippropona li d-dixxiplu bla isem li kien miexi ma' Kleofa hu l-mara ta' Kleofa jew iben Kleofa.[152] Sa minn żmien Oriġine[153] saru diversi attentati sabiex jiddentifikaw il-kumpann ta' Kleofa bħala Pietru.[154] Dan iżda ma jidhirx li hu l-każ minħabba li fil-v.34 naqraw kif id-dixxipli l-oħra jgħidu lil dawn iż-żewġ dixxipli: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun." Fi tradizzjoni oħra aktar tardiva sar attentat biex id-dixxiplu bla isem jissemma bl-isem ta' *Emmaous.*[155] Ewsebju minn Ċesarija imbagħad jagħmel referenza għal tradizzjoni li tgħid li Kleofa kien ħu Ġuzeppi u allura iz-ziju ta' Ġesù.[156] Dan id-dixxiplu bla isem iżda

---

149 Ġw 19:25. Ara John E. Adams, "The Emmaus Story, Lk. Xxiv. 13-25: A Suggestion," *Expository Times* 17 (1905-1906): 333-335; C. Eevelyn Charlesworth, "The Unnamed Companion of Cleopas," *Expository Times* 34 (1922-1923): 233-234.

150 L-isem *Kleofa* hawnhekk hu l-abbrevjazzjoni tal-isem *Kleopatra* fil-forma maskili. Ara Fitzymer, *The Gospel according to Luke X-XVI,* 1563.

151 Ara Marshall, *The Gospel of Luke,* 894. Ara wkoll Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XVI,* 1564.

152 Ara Bruce M. Metzger, *A Textual Commentary on the Greek New Testament* (London: United Bible Societies, 1971), 185; Karl Bornhäuser, *The Death and Resurrection of Jesus Christ* (Bangalore: 1958), 221f. Benoit, *The Passion and Resurrection*, 275 jiffavorixxi lil Filippu d-djaknu bħala l-għajn ta' din l-istorja imma m'hemmx prova għal dan.

153 *Contra Cels.* 2.62,68 (GCS 2, 184, 190).

154 Ara Roland D. Sawyer, "Was Peter the Companion of Cleopas on Easter Afternoon," *Expository Times* 61 (1949-1950): 191-193; Joseph H. Crehan, "St Peter's Journey to Emmaus," *Catholic Biblical Quarterly* 15 (1953) 418-26; Rupert Annand, "He Was Seen of Cephas," A Suggestion about the First Resurrection Appearance to Peter," *Scottish Journal of Theology* 11 (1958): 180-187.

155 Alexander Souter, "Emmaus' Mistaken for a Person," *Expository Times* 13 (1901-1902): 429-330.

156 *Ecc. Hist.* 3.11.

aktar jidher li qed jirrappreżenta lil kull wieħed u waħda minna.[157] Id-diżappunti tiegħu jirriflettu d-diżappunti tagħna bħala dixxipli ta' Ġesù kull darba li bħalu naħsbu li Ġesù miet, u allura m'għadux aktar.[158]

Forsi aktar milli noqgħodu nispekulaw dwar l-identità ta' dawn iż-żewġ dixxipli, ikun aktar jaqblilna jekk nagħrfu kif San Luqa jridna niffukaw aktar fuq l-identità tal-vjaġġatur. Hi din l-identità li Kleofa jipprova jagħraf meta kollu stagħġib jindirizza lill-vjaġġatur bil-mistoqsija: "Inti waħdek *il-barrani* (bil-Grieg: *paroikeis* – litteralment: il-viżitatur) f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?"[159] L-ironijia f'din il-mistoqsija hi waħda qawwija: dawn iż-żewġ dixxipli jakkużaw lill-vjaġġatur/Kristu Rxoxt li hu ma *kienx jaf x'ġara lil Ġesù,* meta fil-fatt kienu huma *li ma jafux* min kien dak li kien qed jistaqsihom. Kleofa ried jinforma lil Ġesù dwar Ġesù meta fil-fatt l-uniku wieħed f'din il-ġrajja li kien "jaf" x'ġara hu dan il-vjaġġatur stess![160] Ma kienx jaf Kleofa li f'dak il-ħin kien qed iseħħ kliem Ġesù stess meta qal: "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jiena f'nofshom."[161]

**Prospettivi differenti tal-ġrajja ta' Ġesù**

Xi ħaġa oħra li rridu ninnutaw hu l-mod tassew sottili li bih l-evanġelista jippreżentalna żewġ perspettivi differenti minn xulxin dwar il-ġrajjiet li kienu għadhom kemm seħħew: min-naħa hemm il-perspettiva tad-dixxipli u min-naħa l-oħra hemm dik ta' Ġesù. Kleofa jkellem lill-vjaġġatur dwar dak li "ġara hemmhekk f'dawn il-jiem."[162] F'kelma oħra, Kleofa jagħti l-interpretazzjoni tiegħu dwar dak li ġara lil Ġesù mill-perspettiva tiegħu. Dan narawh mill-versi 19 sa 24. Min-naħa l-oħra, il-perspettiva tad-dixxipli fuq dak li ġara

---

[157] Fuq il-funzjoni ta' karattri anonimi fl-Evanġelju ara David R. Beck, *The Discipleship Paradigm: Readers and Anonymous Characters in the Fourth Gospel*. Biblical Interpretation Series, 27 (Leiden: Brill, 1997).

[158] Fuq dan il-punt ara Martin Micallef, "Il-futur tal-Ħajja Ikkonsagrata (Lq 24:29-33)," fi *Lejn il-Mixja ta' Għemmaws* (Malta: KSMR, 2017), 51-72.

[159] Lq 24:18.

[160] Ara l-aspett ironiku ta' dan il-vers, ara Geoffrey F. Nuttall, *The Moment of Recognition: Luke as Story-Teller* (London: The University of London Athlone Press, 1978), 9.

[161] Mt 18:20.

[162] Lq 24:18. Ara wkoll Lq 24:14.

lil Ġesù tħejjina għall-perspettiva ta' Ġesù fuq l-istess ġrajjiet li tvarja ħafna minn dik ta' dawn iż-żewġ dixxipli.

**"'X'ġara?' staqsiehom Ġesù. Qalulu: 'Dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu. Kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u sallbuh'" (vv.19-20).**

### Il-Kristoloġija taż-żewġ dixxipli

Jekk dawn iż-żewġ dixxipli kienu tilfu t-tama, żgur iżda li ma kinux tilfu l-memorja ta' dak li kien ġara. Dan narawh mill-mod kif huma jirrakkuntaw lill-vjaġġatur dak li kien "ġara lil Ġesù ta' Nazaret" permezz ta' tliet elementi li jiddefinixxu il-Kristoloġija tagħhom: (i) it-titlu ta' "Ġesù ta' Nazaret"; (ii) l-identità u l-ħidma ta' dak li kien iġib it-titlu ta' "profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem"; (iii) iż-żewġ xhieda għal min iġib it-titlu "quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu." Iż-żewġ dixxipli mela jwieġbu lill-vjaġġatur/Kristu Rxoxt bi kliem li jidher li kien jirrifletti l-ewwel kérygma dwar "dak li ġara" lil Ġesù ta' Nazaret.

San Luqa juża t-titlu ta' "Ġesù ta' Nazaret" pjuttost bħala terminu tekniku.[163] Dan it-titlu jintuża f'rabta mal-attività tal-mirakli ta' Ġesù: fil-konfront ta' Ġesù ma' spirtu ħażin f'4:34 u fl-episodju tal-agħma ta' Ġeriko f'18:37. B'xi mod, nistgħu ninkludu wkoll is-sejħa profetika proklamata fis-sinagoga ta' Nazaret f'4:16-30[164] li tikkonċentra wkoll fuq l-aspett ta' fejqan f'rabta ma' dan it-titlu. L-istess idea nsibuha wkoll fl-Atti fejn it-titlu "Ġesù ta' Nazaret" jintuża sitt darbiet, b'mod li dan it-titlu jesprimi l-karattru messjaniku tal-ministeru ta' Ġesù.[165]

### Il-Profeta

It-tieni titlu li Kleofa jagħti lil Ġesù hu dak ta' "profeta." Din l-affermazzjoni hi waħda korretta għal San Luqa imma mhux biżżejjed. Dan l-evanġelista diġà applika t-titlu ta'

---

[163] Dan it-titlu jintuża tliet darbiet f'San Luqa. Ara Lq 4:34; 18:37; 24:19. Hawnhekk San Luqa juża l-kelma *Nazarēnòs*, minflok it-terminu li juża s-soltu *Nazōraios.*

[164] Ara Paul J. Achtemeier, "Lucan Perspective on the Miracles of Jesus: A Preliminary Sketch," *Journal of Biblical Literature* 94 (1975): 550-550.

[165] Ara Atti 2:22; 3:6; 4:10; 6:14; 10:38; 22:8; 26:9.

*profeta* għal Ġesù f'numru ta' episodji.[166] Ġesù iżda hu xi ħadd aktar minn profeta. Fil-bidu tal-ministeru tiegħu San Luqa jimmarka l-missjoni profetika ta' Ġesù bħala waħda mogħnija mill-qawwa tal-Ispirtu[167] u f'oppożizzjoni għax-xitan.[168] Sa minn kmieni ħafna fin-narrattiva tiegħu, San Luqa jurina għalhekk il-qawwa tal-ministeru ta' Ġesù "fl-għemil u l-kliem." Dan il-fatt ma jnaqqas xejn mill-opożizzjoni li Ġesù kellu jaffaċċja, b'mod li huwa stess jiġbor fil-qosor ir-reazzjonijiet kontrih bħala Profeta meta jistqarr: "Tassew ngħidilkom, ebda profeta ma jilqgħuh tajjeb f'pajjiżu."[169] Aktar tard imbagħad, hu jkompli jispjega li din hi xi ħaġa "neċessarja" għall-profeta: "Madanakollu llum u għada u pitgħada *jeħtieġli* nissokta t-triq tiegħi, għax ma għandux ikun li profeta jinqered barra minn Ġerusalemm. Ġerusalemm! Ġerusalemm! Int li toqtol il-profeti u tħaġġar il-messaġġiera li jibgħatlek Alla; kemm ridt niġbor lil uliedek bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles tagħha taħt ġwenħajha, u int ma ridtx!"[170]

L-istqarrija ta' Kleofa tiġbor flimkien il-mod kif dawn id-dixxiplu qiesu lil Ġesù ta' Nazaret bħala profeta qawwi f'għemilu u kliemu. Dan il-kliem tad-dixxipli ta' Għemmaws dwar Ġesù li għalihom issa kien mejjet ifakkarna fil-wegħda li kien għamel Mosè f'Dewt 18:15f li għad iqum profeta bħalu qawwi. San Luqa jurina li din il-wegħda seħħet f'Ġesù,[171] b'mod li dan l-istess evanġelista jqis lil Ġesù bħala dak li fih seħħew ukoll it-tamiet messjaniċi għal Iżrael.[172]

Għalhekk, qabel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, li permezz tiegħu Ġesù wera kemm tassew kien qawwi f'għemilu u kliemu quddiem il-bnedmin, San Luqa jqajjem il-mistoqsija dwar l-identità profetika ta' Ġesù. Dan jagħmlu permezz ta' dak li Erodi jistaqsi dwar Ġesù: "Lil Ġwanni qtajtlu rasu; mela min hu dan li fuqu qiegħed nisma' dan kollu?"[173] Wara dan il-miraklu mbagħad, San Luqa jippreżentalna l-episodju li fih Ġesù

[166] Ara Lq 4:24; 7:16.39; 13:33.

[167] Ara Lq 3:22; 4:1.

[168] Ara Lq 4:2.

[169] Lq 4:24.

[170] Lq 13:33-34.

[171] Ara Atti 3:22.26; 7:37. Ara wkoll Steve Walton, "Jesus, Present and/or Absent? The Presence and Presentation of Jesus as a Character in the Books of Acts," fi *Characters and Characterization in Luke-Acts.* Library of New Testament Studies 548, ed. Frank Dicken, and Julia Snyder (London: T&T Clark, 2018), 130- 131.

[172] Ara Lq 2:11.26; 24:26.46.

[173] Lq 9:9.

jistaqsi lid-dixxipli min jgħidu n-nies li hu. Għal din il-mistoqsija d-dixxipli jwieġbu li Ġesù kien "wieħed mill-profeti tal-imgħoddi."[174] Din it-tweġiba hi segwita milll-istqarrija ta' Pietru: "Inti l-Messija ta' Alla."[175] Immedjatament wara nsibu l-ewwel tħabbira tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù,[176] u t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù.[177] Wara dan f'9:37-43 San Luqa jagħtina miraklu ieħor ta' Ġesù li bih ikompli jurina kif Ġesù kien tassew qawwi f'għemilu u kliemu. Dan il-miraklu hu segwit mit-tieni tħabbira tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù li jagħlaq bin-nota: "Iżda huma ma fehmuhx dan il-kliem."[178]

Din l-iskema li tistabilixxi lil Ġesù bħala profeta qawwi f'għemilu u kliemu, imma li fl-istess ħin kellu jiġi miċħud, hi parallela mad-diskors ta' Stiefnu fl-Atti meta dan jitkellem fuq il-ħajja ta' Mosè li kien "qawwi fi kliemu u għemilu."[179] Kemm Mosè kif ukoll Ġesù huma żewġ profeti kbar f'għemilhom u kliemhom. Mhux biss, għaliex dawn it-tnejn kellhom ibatu u jiġu miċħuda. Mhux ta' b'xejn li fl-ispjega tal-Iskrittura, Kristu Rxoxt jibda minn Mosè u l-profeti kollha.[180] "Mosè, bħala l-prototip tal-profeta miċħud, hu ċ-ċavetta għall-misteru tal-passjoni li dalwaqt kellu jiġi mikxuf."[181] San Luqa mela, jirnexxilu juri lil Ġesù bħala l-profeta/Messija qawwi f'għemilu u fi kliemu, destinat li jiġi miċħud u mogħti għall-mewt, xi ħaġa li d-dixxipli ma setgħux jifhmu.

Din l-inkompressjoni tad-dixxipli hi riflessa f'dak li Kleofa jgħid lill-vjaġġatur fi triq lejn Għemmaws. Fi kliem Kleofa, San Luqa jurina li Ġesù mhux biss kien profeta setgħan f'għemilu u kliemu "quddiem il-poplu kollu" imma wkoll quddiem "Alla." Dan narawh minn diversi reazzjonijiet li l-evanġelista jinkludi wara xi miraklu li jkun wettaq Ġesù.[182] F'dan kollu toħroġ ċara d-diffikultà tad-dixxipli dwar kif jista' jkun li Ġesù wera ruħu daqshekk qawwi f'għemilu u kliemu imma madankollu spiċċa maqtul. Dan il-punt joħroġ

---

[174] Lq 9:19.

[175] Lq 9:20.

[176] Ara Lq 9:22.

[177] Ara Lq 9:28-36.

[178] Lq 9:45.

[179] Atti 7:22. Għall-użu tal-frażi "għemilu u kliemu" jew "kliemu u għemilu" ara Atti 1:1; Rum 15:18; 2 Kor 10:11; Kol 3:17; 2 Tess 2:17; 1 Ġw 3:18.

[180] Ara Lq 24:26-27.

[181] Dillon, *From Eye-Witnesses to Ministers of the Word*, 132.

[182] Ara Lq 7:16. 29; 18:43; 19:48; 21:38. Għal deskrizzjoni qasira tal-ħajja ta' Ġesù ara Atti 2:22; 10:37-38. Fir-rigward tal-espressjoni "quddiem Alla" San Luqa jenfasizza l-parteċipazzjoni ta' Ġesù fil-proġett ta' salvazzjoni mogħtija minn Alla. Ara d-diskors ta' Pietru fid-dar ta' Kornelju f'Atti 10:38.

b'mod tassew sottili mill-użu tal-verb fil-forma grammatikali tal-passat "Kien" - "li *kien* profeta setgħan ...." Jekk xi darba Ġesù "kien" qawwi f'għemilu u kliemu, issa m'għadux iżjed! Hi din id-diffkultà li twassal għall-kollass tat-tama ta' dawn id-dixxipli.

**Nota ta' anti-semitiżmu?**

Numru ta' kummentarji jinnutaw il-formulazzjoni attenta li biha San Luqa jirrapporta l-kliem ta' Kleofa dwar il-mewt ta' Ġesù fil-vers 20.[183] F'dan il-kliem ma jissemmiex Pilatu u r-Rumani bħala dawk responsabbli għall-mewt ta' Ġesù. Minflok, ir-responsabbiltà għall-mewt ta' Ġesù hawnhekk taqa' fuq il-"qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna." L-affermazzjoni ta' dan il-vers tikkorrispondi mal-kumplament tan-narrattiva ta' San Luqa li tagħmel distinzjoni bejn "il-poplu" li hu favur Ġesù u l-awtoritajiet reliġjużi Lhud li mhux biss fixklu lil Ġesù imma b'xi mod jintwerewbħala dawk responsabbli mill-mewt ta' Ġesù.[184]

Din il-ħaġa wasslet lil numru ta' studjużi sabiex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom li l-kitba ta' San Luqa taqa' fil-kategorija ta' anti-Semitiżmu.[185] Mhuwiex il-post fejn nidħlu f'din id-diskussjoni twila li tifred l-istudjużi tal-kitbiet ta' San Luqa. Minflok iżda ninnutaw l-użu tal-verb "tawh f'idejn" fil-vers 20 - bil-Grieg: *parédōkan* - li fih ħjiel li kienu r-Rumani li finalment kienu responsabbli tal-mewt ta' Ġesù.[186]

**"Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tliet ijiem minn dawn il-ġrajja! Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew**

[183] Ara Nolland, *Luke 18:35-24:53,* 1202.

[184] Ara Lq 23:13. Ara wkoll Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 1024. It-terminu "kapijiet" bil-Grieg: *árchontes* fil-v.20 hu użat għall-mexxejja Lhud f'Ġerusalemm f'Luqa-Atti imma ma nsibuhx f'San Mattew u San Mark. L-istqarrija f'Lq 24:20 tantiċipa l-akkuża tar-responsabbilità tal-mewt ta' Ġesù magħmula kontra l-mexxejja Lhud f'Ġerusalemm fid-diskors tal-Atti. Minkejja dan iżda skont dawn l-istess diskorsi, il-poplu ta' Ġerusalemm pparteċipa wkoll fil-mewt ta' Ġesù. Ara Atti 3:13-15, 17; 13:27-29.

[185] Ara l-istudju ta' Douglas R.A. Hare, "The Rejection of the Jews in the Synoptic Gospels and Acts," fi *Anti-Semitism and the Foundations of Christianity,* ed. Alan Davies (New York: Paulist, 1979); Jacob Jervell, *Luke and the People of God: A New Look at Luke-Acts* (Minneapolis: Fortress, 1972); Jack T. Sanders, *The Jews in Luke-Acts* (London: SCM, 1987).

[186] Ara Marshall, *The Gospel of Luke*, 895. Ara wkoll Lq 23:24-33.

**jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj. Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx!" (vv.21-24).**

**Salvatur**

Il-kliem tad-dixxipli jesprimi d-diżappunt tagħhom. Dan il-kliem jidwi dak li naqraw f'Ġer 14:8 fejn il-Mulej innifsu hu msejjaħ "tama ta' Iżrael, salvatur tiegħu fi żmien il-bżonn." Kleofa mhux biss jesprimi t-twemmin tiegħu f'Ġesù bħala profeta qawwi f'għemilu u kliemu, imma wkoll bħala dak li kellu "jifdi (bil-Grieg: *lytrousthai*) lil Iżrael." Dan kien dak li kienu "jittamaw" (bil-Grieg: *ēlpízomen*) dawn id-dixxipli. Din it-tama fil-"fidwa" ta' Iżrael minn Ġesù, San Luqa jħabbarha sa minn kmieni ħafna fin-narrattiva tiegħu.[187] Fit-Testment il-Qadim, il-Mulej Alla hu diġà muri kemm il-darba bħala salvatur jew il-Ħellies ta' Iżrael.[188] Din it-tama iżda kienet sfat fix-xejn hekk kif issa dawn id-dixxipli jistqarru li kienu diġà "għaddew tlett ijiem minn dawn il-ġrajja!" jiġifieri mill-mewt ta' Ġesù. Filwaqt li ngħidu dan, irridu nagħrfu li ż-żewġ dixxipli ma jagħtux ġudizzju negattiv fil-konfront ta' Ġesù li kien xi impustur. F'kelma oħra, għal dawn iż-żewġ dixxipli l-kruċifissjoni ma ħassritx il-ministeru ta' Ġesù fuq l-art fejn hu kien approvat kemm minn Alla kif ukoll mill-bnedmin.

F'dan kollu naraw kif fl-ewwel parti tal-interpretazzjoni tagħhom dwar l-istorja ta' Ġesù, id-dixxipli ta' Għemmaws jagħtu ġabra fil-qosor tal-ħajja ta' Ġesù, tal-mewt tiegħu u tat-tama tagħhom bi skema maqsuma fi tliet partijiet:

(i) l-istampa ta' Ġesù bħala profeta qawwi f'għemilu u kliemu; (ii) il-fatt li Ġesù ġie miċħud u maqtul; (iii) it-tama tagħhom ta' salvazzjoni li spiċċat fix-xejn. Fil-konversazzjoni fit-triq id-dixxipli jerġgħu jirrakkuntaw l-istorja ta' Ġesù mill-perspettiva tagħhom. B'dan il-mod, in-narratur jissuġġerixxi lill-qarrejja x'kienet tfisser l-istorja ta' Ġesù għal dawn id-dixxipli f'dan l-istadju tal-mixja tagħhom bħala dixxipli. Il-mod kif id-dixxipli fehmu l-ġrajja ta' Ġesù tiċċara aktar bil-mistoqsija ta' Ġesù u b'hekk il-mod kif id-dixxipli fehmu l-ġrajja ta' Ġesù jiġi evalwat u kkorreġut fil-vv.25-27.[189] Il-mod kif dawn id-dixxipli jirrakkuntaw dak li għadda minnu Ġesù hu

---

[187] Ara Lq 1:68; 2:38; 21:28.

[188] Ara Isa 41:14; 43:14; 44:24.

[189] Ara Tannehill, *The Narrative Unity of Luke-Acts:* 1:279-280.

ġabra fil-qosor ta' dak li San Luqa diġà kiteb f'24:1-12: l-esperjenza tan-nisa ħdejn il-qabar meta ma sabux il-ġisem ta' Ġesù; iż-żewġ anġli li jħabbru li Ġesù hu ħaj; ir-rappurtaġġ tan-nisa lid-dixxipli; ir-reazzjoni tal-istagħġib meta nstab li l-qabar kien tassew vojt; u l-fatt li ħadd ma ra lil Ġesù.

M'hemmx dubju li l-lingwaġġ u l-istil tal-versi 21b-24 huma dawk ta' San Luqa, u permezz tar-repetizzjoni taż-żmien, il-post u l-persunaġġi, San Luqa jerġa' jsaħħaħ ir-rabta bejn l-episodju ta' Għemmaws u s-sejba tal-qabar vojt. Aktar minn hekk, mill-mod kif San Luqa jiżviluppa l-argument tiegħu nistgħu naraw kif hu jgħaqqad flimkien f'ġabra fil-qosor il-ministeru u l-mewt ta' Ġesù (vv.19b-21) ma' dak li seħħ s'issa fl-ewwel jum tal-ġimgħa (vv.21b-24). Imma f'dan kollu rridu ninnutaw ukoll il-paradoss fil-mod kif id-dixxipli ta' Għemmaws jirrakkuntaw il-ġrajja ta' Ġesù. F'dan ir-rakkont tad-dixxipli hemm nieqes jew moħbi il-proklamazzjoni li Kristu Ġesù hu ħaj hekk li San Luqa jurina kif dawn id-dixxipli huma tant *qrib* imma 'l *bogħod* fl-istess ħin: huma għandhom *l-informazzjoni* tal-Għid imma mhux *il-fidi* tal-Għid.

L-istorja tagħhom tagħlaq fil-v.24 b'deskrizzjoni ta' x'kienet tassew il-problema tagħhom: "Imma lilu ma rawhx." Dan il-kliem jissuġġerixxi li li tara lil Kristu Rxoxt tagħmel differenza kbira. Ġesù jaf li li "tara" jeħtieġ issa li jiġi akkumpanjat mill-mod kif nifhmu l-mod li bih il-Mulej Alla kien qed jaħdem il-pjan tiegħu permezz ta' Messija li kellu jiġi miċħud u gglorifikat kif naqraw fl-Iskrittura.

**L-istorja ta' Ġesù fl-Iskrittura**

Dawn iż-żewġ dixxipli ma setgħux jagħmlu progress billi sempliċiment jirrakkuntaw il-ġrajjiet li kienu għadu kemm ġraw. Meta d-dixxipli kienu qed jirrakkuntaw lill-vjaġġatur l-istorja ta' Ġesù huma fil-fatt kienu qed jirrakkuntaw l-istess ġrajja tagħhom. Bħala dixxipli, dawn iż-żewġ vjaġġaturi sabu l-identità tagħhom f'Ġesù: minħabba f'dak li Ġesù kien għamel u qal, minħabba f'dak li kien, huma raw lilhom infushom bħala "dixxipli" tiegħu. It-tama tagħhom kienet investiment fil-ħelsien li dan il-profeta kellu jġib f'Iżrael. L-istorja tagħhom għalhekk ma kinitx tittratta l-mewt ta' Ġesù daqskemm il-mewt tar-relazzjoni tagħhom miegħu. Dik ir-relazzjoni li kienet tathom tama issa kienet spiċċat u mietet; hekk ukoll id-dixxipulat tagħhom. Minħabba f'hekk, iż-żewġ dixxipli jidher li ħassew li issa ma kellhomx għalfejn jibqgħu aktar f'Ġerusalemm. F'dan kollu iżda naraw ukoll li dak li veramant dawn iż-żewġ dixxipli kien jonqoshom kien li jagħrfu li dak li ġara

lil Ġesù ta' Nazaret kien it-twettiq ta' dak li huma stess kienu jittamaw: il-ħelsien ta' Iżrael. Dan iżda seħħ b'mod differenti minn kif ħasbu huma. Is-salvazzjoni ta' Ġesù kienet tikkonsisti f'salvazzjoni/ħelsien (bil-Grieg: *áphesis*)[190] mid-dnub u mhux minn xi ħakma imperjali.

B'mod ġenjuż, San Luqa allura jirrakkonta d-destin ta' Ġesù radikalment b'mod oppost mill-mod kif irrakkontawh dawn iż-żewġ dixxipli fil-konversazzjoni tagħhom mal-vjaġġatur. Min-naħa San Luqa jagħtina t-tifsira tal-mewt ta' Ġesù mill-perspettiva tal-qassisin il-kbar u l-kapijiet fil-v.20, tad-dixxipli fil-v.21. Min-naħa l-oħra, San Luqa jagħtina l-aħbar tal-qawmien mill-perspettiva tan-nisa fil-vv.22-23b, tal-anġli fil-v.23b, tal-Iskrittura fil-vv.25-26, u fl-aħħar ta' Ġesù nnifsu fil-v.27. Dawk tal-ewwel raw it-tmiem ta' mistħija tal-profeta, filwaqt li l-oħrajn raw il-glorifikazzjoni ta' Kristu.[191]

Meta nqisu dan kollu allura naslu biex ngħidu li l-proċess kontinwu ta' kif nifhmu kliem u ġrajjiet mill-passat permezz ta' għajnuniet minn esperjenzi ġodda hu wieħed li San Luqa juża sabiex jgħaqqad flimkien it-tliet ġrajjiet tad-dehriet ta' Kristu Rxoxt li jagħtina fil-kapitlu 24. F'kull waħda minn dawn il-ġrajjiet, San Luqa juri b'mod drammatiku kif ma nistgħux nifhmu l-qawmien ta' Ġesù fl-assenza/nuqqas ta' interpretazzjoni li turina t-tifsira redentiva tal-mewt tiegħu. Ir-referenza għall-qabar vojt fil-vv.4 u 12 u għad-dehriet ta' Kristu Rxoxt fil-vv.16.37 weħidhom ma jwasslu lil ħadd biex jemmen fil-qawmien ta' Ġesù; dawn kellhom bżonn l-akkumpanjament tal-Kelma ta' Alla biex tinterpretahom.

Għal dan l-evaneġlista mela, iċ-ċavetta sabiex tfisser il-mewt ta' Ġesù tinsab fl-Iskrittura.[192] Fuq kollox, ir-revalzzjoni għal San Luqa ma sseħħx permezz ta' xi intervent ta' xi anġli – għalkemm din mhijiex esklużа[193] – imma permezz ta' proċess ermenewtiku ta' kif tifhem l-għan tal-pjan ta' Alla f'rabta mal-ħajja ta' Ġesù li issa nistgħu nifhmuh biss fid-dawl tal-Iskrittura. Qabel ma dawn id-dixxipli jitneħħilhom il-velu tal-għamad minn quddiem għajnejhom, kien jeħtiġilhom li jiġu mgħallma. Ġesù għalhekk juri ruħu lil dawn

[190] Ara Lq 4:18. Ara wkoll Lq 24:47.
[191] Ara Ronald Meynet, *Il Vangelo secondo Luca: Analisi retorica* (Bologna: EDB, 2003), 890.
[192] Ara Lq 24:25-27.32.
[193] Ara Lq 24:23.

iż-żewġ dixxipli mhux sempliċiment bħala l-profeta, imma bħala l-Messija li kellu jbati skont dak li kienu kitbu fuqu Mosè u l-Profeti kollha.

Ġesù ta' San Luqa jikkatekizza lid-dixxipli filwaqt li jkebbsilhom qalbhom fit-triq bl-interpretazzjoni tal-Iskrittura.[194] Kristu Rxoxt stess isir l-eseġeta[195] li jfisser dak li naqraw fid-daħla tal-Evanġelju skont San Luqa meta dan l-evanġelista jfisser l-għan tiegħu li jikteb fuq "il-ġrajja li seħħew fostna."[196] B'dan il-mod, ir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws isir il-bażi tal-*kérgyma appostolika* hekk kif issa għandna l-interpretazzjoni "nisranija" mogħtija minn fomm Ġesù stess tat-Testment il-Qadim, motif li jitkompla fl-Atti tal-Appostli. Fiċ-ċentru ta' dan hemm l-aħbar li Ġesù "hu ħaj."[197] Il-vers 23 mela hu l-punt ewlieni ta' dan ir-rakkont kollu tad-dixxipli ta' Għemmaws.

**Konklużjoni**

L-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws nistgħu nqisuh bħala wieħed ċentrali tat-tliet kwadri li jiffurmaw il-kapitlu 24 tal-Evanġelju skont San Luqa: it-tħabbira tal-qawmien lin-nisa, il-mixja lejn Għemmaws u d-dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli miġbura flimkien. Dawn it-tliet episodji għandhom bħala punt ċentrali riferiment għat-twettiq tal-Kelma ta' Alla: fl-ewwel każ, l-irġiel libsin l-abjad ifakkru lin-nisa fil-kliem li kien qal Ġesù;[198] filwaqt li fiż-żewġ każi l-oħra hu Ġesù nnifsu li jfisser it-twettiq tal-Iskrittura f'Mosè u l-Profeti,[199] u f'Mosè, il-Profeti u s-Salmi rispettivament.[200] San Luqa jurina li ma jistax ikun hemm bidu ta' mixja tad-dixxipulat mingħajr laqgħa awtentika ma' Kristu fl-Iskrittura, jiġifieri mingħajr ma nifhmu sew l-ġrajja u t-tifsira tal-ministeru ta' Ġesù kif imfissra fl-Iskrittura.

---

[194] San Luqa ma jagħtix xi testi partikulari mil-Liġi jew mill-Profeti, u allura jkun inutli li nipppruvaw infittxu għal xi silta partikulari mit-Testment il-Qadim li għaliha Ġesù kien qed jirreferi.

[195] Għal dan it-terminu f'rabta ma' Ġesù, ara Ġw 1:18.

[196] Lq 1:1.

[197] Lq 24:23.

[198] Ara Lq 24:6-7.

[199] Ara Lq 24:27.

[200] Ara Lq 24:44.

**Biblijografija**


Achtemeier, Paul J. "Lucan Perspective on the Miracles of Jesus: A Preliminary Sketch," *Journal of Biblical Literature* 94 (1975): 550-550.

Adams, John E. "The Emmaus Story, Lk. Xxiv. 13-25: A Suggestion," *Expository Times* 17 (1905-1906): 333-335.

Alsup, John E. *The Post-Resurrection Appearance: Stories of the Gospel Tradition* (Stuttgart: Calver-Verlag, 1975).

Annand, Rupert. "He Was Seen of Cephas," A Suggestion about the First Resurrection Appearance to Peter," *Scotish Journal of Theology* 11 (1958): 180-187.

Bassetti, Luca. *Il viaggio della parola e del discepolo nel Vangelo di Luca* (Trapani: Il pozzo di Giacobbe,  2012).

Beck, David R. *The Discipleship Paradigm: Readers and Anonymous Characters in the Fourth Gospel*. Biblical Interpretation Series, 27 (Leiden: Brill, 1997).

Benoit, Pierre. *Passion and Resurrection* (New York: Herder and Herder, 1969).

Bornhäuser, Karl. *The Death and Resurrection of Jesus Christ* (Bangalore: 1958).

Bovon, François. *Luke: The Theologian, Fity-five Years of Research (1950-2005)* (Waco, TX: Baylor University Press, 2006).

Bultmann, Rudolf. *History of the Synoptic Tradition* (Oxford: Blackwell, 1968).

Byrne, Brendan. *The Hospitality of God: A Reading of Luke's Gospel* (Collegeville, MN: Liturgical Press, 1989).

Charlesworth, C. Eevelyn. "The Unnamed Companion of Cleopas," *Expository Times* 34 (1922-1923): 233-234.

Chenu, Bruno. *I discepoli di Emmaus,* trans. Fausto Savoldi (Brescia: Queriniana, 2005).

Conzelmann, Hans. *The Theology of Saint Luke* (London: Faber and Faber, 1969).

Creed, John M. *The Gospel according to Luke* (London: Macmillan & Co., 1930).

Crehan, Joseph H. "St Peter's Journey to Emmaus," *Catholic Biblical Quarterly* 15 (1953) 418-26.

Dalman, Gustaf H. *Sacred Sites and Ways* (London: SPCK, 1935).

Dillon, Richard J. *From Eye-Witnesses to Ministers of the Word: Tradition and Composition in Luke 24*. Analecta Biblica, 82 (Rome: Biblical Institute, 1978).

Dodd, Charles H. “The Appearances of the Risen Christ: An Essay in Form-Criticism of the Gospels,” fi *Studies in the Gospels: Essays in Memory of R.H. Lightfoot,* ed. Dennis E. Nineham (Oxford: Blackwell, 1957), 9-25.

Dussaut, Louis. “Le Triptyque des Apparitions en Luc 24,” *Revue Biblique* 94 (1987): 161-213.

Ehrhardt, Arnold. “The disciples of Emmaus,” *New Testament Studies* 19 (1964): 195-201. Lucien Legrand, “Christ in the Fellow Traveller: The Emmaus Story in Lk 24:13-35, *Indian Theological Studies* 19 (1982): 33-34.

Ellis, Edward E. *The Gospel of Luke* (London: New Century Bible, $^{2}$1974).

Farmer, William R. *The Last Twelve Verses of Mark* (Society of New Testament Studies Monograph Series 25; Cambridge: Cambridge University Press, 1974).

Fitzmyer, Joseph A. *The Gospel According to Luke X-XXIV*. The Anchor Bible, 28A (New York-London: Doubleday, 1985).

Gibbs, James M. “Luke 24:13-33 and Acts 8:26-39: The Emmaus Incident and the Eunuch’s Baptism as Parallel Stories,” *Bangalore Theological Forum* 7 (1975): 17-30.

Green, Goel B. *The Gospel of Luke*. The New International Commentary on the New Testament (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1997).

Guglielmo De, Antonin. “Emmaus,” *Catholic Biblical Quartely* 3 (1941): 293-301.

Guillaume, Jean-Marie. *Luc interprète des anciennes traditions sur la Résurrection de Jésus* (Paris: Gabalda, 1979).

Guitton, Jean. *Jésus* (Paris: Grasset, 1956).

Hare, Douglas R.A. “The Rejection of the Jews in the Synoptic Gospels and Acts,” fi *Anti-Semitism and the Foundations of Christianity,* ed. Alan Davies (New York: Paulist, 1979).

Jeremias, Joachim. *The Eucharistic Words of Jesus* (London: SCM, $^{2}$1966).

Jervell, Jacob. *Luke and the People of God: A New Look at Luke-Acts* (Minneapolis: Fortress, 1972); Jack T. Sanders, *The Jews in Luke-Acts* (London: SCM, 1987).

Just Jr, Arthur. *The Ongoing Feast: Table Fellowship and Eschatology at Emmaus* (Pueblo, Collegeville, MN: Liturgical, 1993).

Karris, Robert J. “Luke 24:13-35,” *Interpretation* 41 (1987): 57-58.

Legrand, Lucien. "Deux voyages. Luc 2,41-50; 24,13-33," fi *À cause de l'Évangile*, ed. *R.Refoulé*. Lectio Divina, 123 (Paris: Éditions du Cerf, 1985), 417 fejn jagħti enfasi wkoll lill-korrispondenza strutturali bejn iż-żewġ rakkonti, anke jekk huma diversi.

Lindijer, Cord H. "Two Creative Encounters in the Work of Luke: Luke xxiv 13-35 and Acts viii 26-40," in *Miscellanea Neotestamentica: Studia ad NT praesertim pertinentia a sociis sodalicii Batavi, cuius nomen Studiosorum Nti Conventus, anno 1976 quintum lustrum complentis suscepta,* ed. T. Baarda et al. Novum Testamentum Supplements 48 (Leiden: Brill, 1978), 2:77-85.

Marshall, I. Howard "The Resurrection of Jesus in Luke," *Tyndale Bulletin* 24 (1973): 55-98.

Marshall, I. Howard *The Gospel of Luke*. The New International Greek Testament Commentary (Grand Rapids, MI: Paternoster, 1978).

McBride, Denis. *Emmaus: The Gracious Visit of God according to Luke* (Dublin: Dominican Publications, 1997).

Metzger, Bruce M. *A Textual Commentary on the Greek New Testament* (London: United Bible Societies, 1971).

Meynet, Roland. *Jésus passe* (Paris: Éditions du Cerf, 1999).

Meynet, Roland. *Il Vangelo secondo Luca: Analisi retorica* (Bologna: EDB, 2003).

Micallef, Martin. "Il-futur tal-Ħajja Ikkonsagrata (Lq 24:29-33)," fi *Lejn il-Mixja ta' Għemmaws* (Malta: KSMR, 2017), 51-72.

Micallef, Martin. *The Importance of 'Zeteo' in the Gospel of John: Excerpt from Thesis presented for the Degree of Doctor of Sacred Theology* (Malta: Univesity of Malta, 2010).

Moule, Charles F.D. "The Post-Resurrection Appearances in the Light of Festival Pilgrimages," *New Testament Studies* 4 (1957-58): 58-61.

Mullins, Michael, *The Gospel of Luke: A Commentary* (Dublin, The Columbia Press, 2010).

Nolland, John. *Luke 18:35-24:53*. Word Biblical Commentary, 35c (Dallas, TX: Word Books, 1993).

Nuttall, Geoffrey F. *The Moment of Recognition: Luke as Story-Teller* (London: The University of London Athlone Press, 1978).

Robinson, Bernard P. "The Place of the Emmaus Story in Luke-Acts," *New Testament Studies* 30 (1984): 481-82.

Rossé, Gérard. *Il Vangelo di Luca: Commento esegetico e teologico* (Roma: Città Nuova, [4]2006).

Sawyer, Roland D. "Was Peter the Companion of Cleopas on Easter Afternoon," *Expository Times* 61 (1949-1950): 191-193.

Smith, Daniel A. *Revisiting the Empty Tomb: The Early History of Easter* (Minneapolis: Fortress, 2010).

Smith, Robert H. *Easter Gospels: The Resurrection of Jesus According to the Four Evangelists* (Minneapolis: Augsburg, 1983).

Souter, Alexander. "Emmaus' Mistaken for a Person," *Expository Times* 13 (1901-1902): 429-330.

Sri, Edward. *Rethinking Mary in the New Testament* (San Francisco: Ignatius, 2006).

Stein, Robert H. *The Synoptic Problem: An Introduction* (Grand Rapids, MI:  Baker Book House, 1987).

Tannehill, Robert C. *The Narrative Unity of Luke-Acts: A Literary Interpretation. Volume One, the Gospel according to Luke* (Philadelphia: Fortress, 1986).

Vaccari, Alberto. "L'Emmaus di S. Luca: Punti sugli i," *Antonianum* 25 (1950): 493-500.

Viaud, Prosper-Marie. *Qoubeibeh Emmaus évangélique: Etude archéologique de son église et da la maison qu'elle enclave* (Jerusalem: Saint-Sauveur, 1930).

Vincent, Louis-Hugues, u Félix-Marie Abel, *Emmaus: Sa basilique et son histoire* (Paris: Leroux, 1932).

Walton, Steve. "Jesus, Present and/or Absent? The Presence and Presentation of Jesus as a Character in the Books of Acts," fi *Characters and Characterization in Luke-Acts.* Library of New Testament Studies 548, ed. Frank Dicken, and Julia Snyder (London: T&T Clark, 2018), 130- 131.